

Brussell, 30 ta' Jannar 2026
(OR. en)

5848/26

JAI 124
FRONT 23
RELEX 120
ASILE 11
MIGR 30
CRIMORG 28
COSI 19
ENFOPOL 25
COMIX 29
CH
IS
LI
NO

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Jannar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 45 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Strateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 45 final.

Mehmuż: COM(2026) 45 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.1.2026
COM(2026) 45 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL**

Strategġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni

1. INTRODUZZJONI

Il-kisba ta' riżultati fejn tidħol il-migrazzjoni hija prijorità politika u hekk se tibqa'. Iċ-ċittadini jistennew li jkun hemm politika dwar il-migrazzjoni u l-ażil li tkun ġusta u soda, waħda li timmaniġġja l-migrazzjoni b'mod effettiv u li tibqa' leali lejn il-valuri Ewropej.

Filwaqt li tibni fuq il-progress kostanti li sar matul dawn l-aħħar snin, l-Unjoni Ewropea issa qed tiftaħ kapitulu ġdid. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri qed jaħdmu flimkien mill-qrib biex **inaqqsu l-migrazzjoni illegali u jtejbu l-ġestjoni tal-migrazzjoni**. Il-kombinazzjoni tar-riformi miġjuba mill-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil (il-Patt) li jibbilanċja s-solidarjetà u r-responsabbiltà, diplomazija assertiva dwar il-migrazzjoni, u kooperazzjoni operazzjonali effettiva fl-Unjoni u barra minnha qed tikseb ir-riżultati, b'mod partikolari bi tnaqqis gradwali fil-wasliet illegali mill-2023⁽¹⁾.

Approċċ tal-UE għall-ġestjoni tal-migrazzjoni huwa indispensabbli biex jitwettqu l-aspettattivi taċ-ċittadini – wieħed fejn l-UE turi li hija kapaċi **tipprevjeni l-migrazzjoni illegali** u tkisser in-negozju ta' networks kriminali ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin, **tipproteġi lin-nies** li qed jaħrbu mill-gwerra u l-persekuzzjoni, u **tħeġġeġ lit-talent** jiġi fl-UE biex jagħti spinta lill-kompetittività tal-ekonomija tagħna.

Il-biċċa l-kbira tal-migranti li jaslu u li jibqgħu fl-Unjoni b'mod illegali mhumiex eliġibbli għal xi forma ta' protezzjoni u ma għandhom l-ebda dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni⁽²⁾. Barra minn hekk, huma madwar kwart biss ta' dawk li ma għandhom l-ebda dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni li fil-fatt jitolqu⁽³⁾. Ma jista' jkun hemm **l-ebda tolleranza għall-abbuż minn sistema** mfassla biex tipprovdi protezzjoni lil dawk fi bżonn ġenwin. Din is-sitwazzjoni disfunzjonali ħolqot lakuni għal residenza illegali dejjiema fl-Unjoni – b'implikazzjonijiet wiesgħa għall-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni u s-servizzi lokali – u b'hekk dgħajfet il-fiduċja pubblika fil-kapaċità tal-Ewropa li timmaniġġja l-migrazzjoni u ssawwar il-politika tal-migrazzjoni tagħha bbażata fuq l-interessi Ewropej. Għandha impatt ukoll fuq il-kapaċità tal-Ewropa li tattira forza tax-xogħol addizzjonali li l-ekonomiji u s-swieq tax-xogħol tagħna jeħtieġu b'mod urġenti. Barra minn hekk, mill-2021, l-użu tal-migrazzjoni bħala arma mill-Belarussja u mir-Russja komplika jikkomplicha x-xenarju tal-migrazzjoni u tas-sigurtà tal-Unjoni, u ħoloq forom ġodda ta' theddid ibridu bl-użu tal-migrazzjoni għal skopijiet politiċi.

90 % tal-persuni li jidħlu fl-UE illegalment jagħmlu dan bl-użu ta' servizzi pprovduti minn gruppi kriminali u **networks ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin**⁽⁴⁾ li jpoġġu l-ħajja tan-nies f'riskju fid-deżert u fl-ibħra, iċaħħdu lin-nies mid-dinjità tagħhom u dan fl-insegwiment tal-profitt, u jiksru d-drittijiet fundamentali. Il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti tagħti n-nifs lil sistema kriminali li toħloq tensjoni soċjali u nuqqas ta' sigurtà tul ir-rotot migratorji. Filwaqt li t-tfittxija għal ħajja aħjar fl-Unjoni Ewropea tista' tkun leġittima, dawk li mhumiex intitolati għall-protezzjoni jridu jagħmlu dan b'mod legali billi jużaw il-mezzi legali xierqa. Kull vjaġġ illegali evitat huwa potenzjalment ħajja salvata.

(1) Il-qsim illegali tal-fruntieri lejn l-UE qed jonqos b'mod kostanti, biċ-ċifri ġenerali li naqsu b'26 % fl-2025, wara tnaqqis ta' 38 % fl-2024 fuq ir-rotot ewlenin kollha lejn l-Unjoni. L-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali qegħdin jseguw xejra simili ta' tnaqqis (-21 %).

(2) Abbażi tad-data tal-Eurostat, ir-rata ta' rikonossiment għall-2024 kienet ta' 51,4 %, filwaqt li naqset għal ftit aktar minn 33 % fl-ewwel nofs tal-2025, u telgħet għal 42,8 % fit-tielet kwart tal-2025.

(3) Ir-rapport Annwali dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni (2025), ibbażat fuq id-data tal-Eurostat għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025; <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/NL/ALL/?uri=CELEX:52025DC0795>.

(4) <https://www.europol.europa.eu/crime-areas/migrant-smuggling>

L-UE tibqa' tkun impenjata li tkun spazju li **jiproteġi lin-nies li qed jaħarbu mill-gwerra u l-persekuzzjoni**. L-għoti ta' protezzjoni lil dawk li jehtigħu, huwa obbligu skont id-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali. L-Ewropa nnifisha tipprovdi protezzjoni għal għadd kbir ta' refuġjati, u internazzjonalment, id-diplomazija u l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni jgħinu biex jiproteġu lil dawk li jfittxu l-ażil u lir-refuġjati ospitati f'pajjiżi terzi.

L-appoġġ tal-UE lill-Ukreni huwa l-aktar eżempju ċar reċenti ta' tradizzjoni dejjiema li żviluppat gradwalment maż-żmien. Iċ-ċittadini Ewropej fetħu djarhom għar-refuġjati li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna⁽⁵⁾, li wasslet għall-akbar spostament fl-Ewropa mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn, b'aktar minn erba' miljun persuna spostata jibqgħu fl-Unjoni. L-għoti ta' protezzjoni temporanja lill-Ukreni jibqa' prijorità għall-Unjoni u għall-Istati Membri, bħalma huwa l-appoġġ tagħhom biex jirritornaw lejn pajjiżhom biex jgħinu fil-bini mill-ġdid ta' pajjiżhom meta s-sitwazzjoni tippermetti abbażi ta' approċċ ikkoordinat u gradwali. Barra minn hekk, bejn l-2015 u l-2024, madwar 3,9 miljun applikant għall-ażil irċevew status ta' protezzjoni fl-UE, minbarra l-benefiċjarji tal-protezzjoni temporanja. Fl-2024 biss irċevew protezzjoni madwar 438 000 applikant għall-ażil⁽⁶⁾.

Madankollu, l-abbużi mis-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri jimminaw **il-kapaċità tagħhom li jipprovdu protezzjoni u akkoljenza adegwata lil dawk fil-bżonn**, kif ukoll li joffru programmi ta' **integrazzjoni** lill-migranti intitolati li jibqgħu fl-Unjoni. Barra minn hekk, dawk l-abbużi jimminaw bl-istess mod iż-żona Schengen minħabba li movimenti sekondarji mhux awtorizzati jimminaw l-idea stess ta' moviment liberu mingħajr fruntieri interni. Il-Patt jirrifirma s-sistema Ewropea tal-migrazzjoni u l-ażil, jipprevedi aktar kontroll fuq il-migrazzjoni illegali, jissimplifika r-regoli u l-proċeduri dwar l-ażil, isaħħaħ ir-reżiljenza u t-tnejn, u jintroduċi strumenti ddedikati għall-ġestjoni ta' kriżijiet futuri possibbli.

Il-prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali, il-protezzjoni tan-nies li qed jaħarbu mill-gwerra u l-persekuzzjoni u l-inkoraġġiment tal-mobbiltà tat-talenti huma fl-interess reċiproku tal-UE u tas-sħab tagħha. Filwaqt li l-Unjoni tkompli taħdem biex ittejjeb is-sistemi ta' ġestjoni tal-migrazzjoni tagħha, iċ-ċavetta għas-suċċess tagħha tinsab **f'kooperazzjoni tajba ma' pajjiżi sħab barra mill-UE**. Fl-aħħar mill-aħħar, l-ebda pajjiż ma jista' jindirizza l-isfidi ta' dan il-fenomeno globali waħdu u s-sħab kollha għandhom jaqdu r-rwol tagħhom f'approċċ ta' rotta sħiħa. Filwaqt li tkompli tkun ibbażata fuq qafas intern sod, għal-quddiem il-politika Ewropea dwar il-migrazzjoni għandha żżid l-enfasi tagħha fuq il-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, f'approċċ ta' Tim Ewropa, se tirdoppja l-isforzi tagħha f'dik id-direzzjoni.

L-Unjoni tibqa' **destinazzjoni attraenti għat-turiżmu, l-istudenti, ir-riċerkaturi u l-ħaddiema**, b'aktar minn 90 % taċ-ċittadini mhux tal-UE jaslu fl-UE b'mod legali u kkontrollat. Dan ikkontribwixxa għall-ekonomija tagħna, għas-soċjetajiet tagħna u sawwar il-kulturi tagħna. Fl-2024, ġew fl-UE 1,7 miljun persuna legalment biex jaħdmu u jistudjaw⁽⁷⁾. Id-diġitalizzazzjoni reċenti tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-politiki dwar il-viżi tal-UE qed ittejjeb l-esperjenza tal-vjaġġaturi billi tnaqqas il-ħinijiet ta' stennija u tissimplifika l-proċeduri, filwaqt li żżomm l-oġhla standards ta' sigurtà.

(5) [Temporary protection for persons fleeing Ukraine - monthly statistics - Statistics Explained - Eurostat](https://ec.europa.eu/eurostat/web/interactive-publications/migration-2025#international-protection)

(6) <https://ec.europa.eu/eurostat/web/interactive-publications/migration-2025#international-protection>; l-aktar 3 pajjiżi ta' oriġini huma s-Sirja, l-Afganistan u l-Venezwela.

(7) https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Residence_permits_%E2%80%93_statistics_on_authorisations_to_reside_and_work

L-UE hija kontinent miftuħ u konness globalment, b'popolazzjoni tax-xogħol li qed tixjieħ u tonqos u llum qed tiffaċċja nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet f'ħafna setturi. Biex tibqa' tikber ekonomikament, trawwem il-kompetittività u tippromwovi awtonomija strateġika miftuħa, l-Unjoni trid issir kalamita globali biex **tattira u żżomm it-talent**. Għal dan l-għan, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jindirizzaw l-ostakli li jnaqqsu r-ritmu tas-sistemi tagħna, inkluż dawk relatati mal-ipproċessar tal-viżi u r-rikonoxximent tal-kwalifiki, u jtejbu l-kooperazzjoni strateġika mas-sħab biex jiffaċilitaw l-aċċess tat-talent għall-Unjoni u għall-Istati Membri, jippromwovu l-wasla ta' studenti, riċerkaturi u ħaddiema fil-livelli kollha tal-ħiliet, kif ukoll jimmassimizzaw il-potenzjal uman ta' dawk kollha li diġà jinsabu hawnhekk.

Perspettiva aktar fit-tul għandha tqis ukoll **l-iżviluppi teknoloġiċi** li għaddejjin, li qed jifitru opportunitajiet ġodda li għadhom ma ġewx sfruttati għal proċessi ta' migrazzjoni aktar effettivi u sikuri. L-Istrateġija għandha l-għan li taħsad il-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni u l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) fil-migrazzjoni u l-ażil biex tippromvodi lill-Istati Membri b'għodod moderni, siguri u effiċjenti biex itejbu l-kwalità, il-konsistenza u l-puntwalità tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u biex itejbu s-sigurtà, filwaqt li jtejbu s-servizzi għan-nies.

Din l-Istrateġija ġiet żviluppata skont ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni⁽⁸⁾ u tibni fuq **l-istrateġiji nazzjonali** ppreżentati mill-Istati Membri ⁽⁹⁾ f'konformità ma' dak ir-Regolament⁽¹⁰⁾ u tieħu f'kunsiderazzjoni l-veduti espressi mill-Parlament Ewropew ⁽¹¹⁾, mill-Istati Membri u minn diversi partijiet interessati, inkluż esperti mill-Aġenziji tal-UE. Għandha l-għan li tipproduċi viżjoni għal politika Ewropea dwar il-migrazzjoni u l-ażil li ssaħħaħ il-koeżjoni tal-UE, tfittex modi innovattivi 'l quddiem, u tasserixxi r-rwol reġjonali u globali tal-UE matul il-ħames snin li ġejjin. L-azzjonijiet taħt din l-Istrateġija għandhom l-għeruw tagħhom fir-rispett tad-drittijiet fundamentali f'konformità mal-Karta u b'rispett sħiħ tal-obbligi internazzjonali tagħna.

Sabiex jintlaħqu l-oġettivi ewlenin ta' din l-Istrateġija – il-prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali, il-protezzjoni ta' dawk fil-bżonn u l-attrazzjoni tat-talent lejn l-UE – l-Unjoni għandha ssegwi l-ħames prijoritajiet li ġejjin:



⁽⁸⁾ L-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013; ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj>.

⁽⁹⁾ 25 Stat Membru ppreżentaw l-istrateġiji nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni; Id-Danimarka mhijiex marbuta bl-obbligu li tippreżenta strateġija nazzjonali, filwaqt li l-Ungerija infurmat li mhijiex se tippreżenta waħda.

⁽¹⁰⁾ L-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni.

⁽¹¹⁾ Seduta ta' smiħ tal-Kumitat LIBE tal-4 ta' Diċembru 2025.

2. IT-TISHIH TAD-DIPLOMAZIJA DWAR IL-MIGRAZZJONI

Filwaqt li tibni fuq ir-riżultati tanġibbli ta' dawn l-aħħar snin, l-enfasi tal-Unjoni matul il-ħames snin li ġejjin jeħtieġ li tkun fuq li tkompli tipprevjeni lin-nies milli jpoġġu ħajjithom f'riskju fi vjaġġi perikolużi, li **ssostni t-tnaqqis fil-wasliet illegali** fl-UE, u li tnaqqas il-pressjoni fuq is-sistemi tal-ażil u tal-migrazzjoni billi tappoġġa l-implimentazzjoni tar-riformi introdotti mill-Patt u tippromwovi globalment ir-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-migranti u tar-refuġjati.

Il-ħidma li għaddejja biex l-Unjoni tiġi mġhammra b'sistema moderna, ġusta u effiċjenti ta' ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-ażil trid timxi id f'id ma' **diplomazija effettiva dwar il-migrazzjoni li tippromwovi l-interessi tal-Unjoni u tibqa' leali lejn il-valuri Ewropej**. Jeħtieġ li tkun imsejsa fuq il-prinċipju li l-ġestjoni tal-migrazzjoni hija responsabbiltà konġunta, bl-atturi kollha tul ir-rotot migratorji jkollhom ir-rwol tagħhom x'jaqdu. Matul il-ħames snin li ġejjin, dan il-prinċipju se jiggwida l-azzjoni tal-Unjoni fit-tisħiħ tas-sħubijiet komprensivi eżistenti u fit-tnedija ta' oħrajn ġodda ma' pajjiżi ewlenin ta' oriġini u ta' tranżitu tal-migrazzjoni, kif ukoll mal-pajjiżi ospitanti ewlenin tar-refuġjati, fil-bini tal-fiduċja mas-sħab tagħna, u fil-promozzjoni tar-rwol tal-UE bħala attur ċentrali fid-dibattitu globali u fl-isforzi għall-ġestjoni tal-migrazzjoni. L-Unjoni tkompli ssawwar ir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni filwaqt li **tippromwovi l-interessi u l-valuri tagħha** u tikkoopera mas-sħab fil-ġestjoni tal-pressjonijiet relatati mal-migrazzjoni b'mod ta' benefiċċju reċiproku, peress li huwa fl-interess komuni tagħna li naħdmu flimkien biex inwieġbu għal din l-isfida kondiviża.

Id-diplomazija dwar il-migrazzjoni jenħtieġ li tkun **komprensiva**, tikkontribwixxi għal prevenzjoni u kontroll aħjar tat-tluq irregolari, iżżarma n-networks tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni, tippovdi protezzjoni qrib il-post tal-oriġini, u toffri risistemazzjoni u perkorsi komplementari oħra lil persuni li jeħtieġu protezzjoni. Jenħtieġ li tiżgura wkoll ir-ritorn u r-riammissjoni rapidi u effettivi taċ-ċittadini proprji mingħajr dritt li jibqgħu fl-Unjoni, u, min-naħa l-oħra, tgħin biex tattira ħaddiema, studenti u riċerkaturi bil-ħiliet u t-talent li jappoġġaw il-kompetittività Ewropea, filwaqt li tkun ta' kontribut ukoll għall-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiżi ta' oriġini.

Dawn il-prinċipji diġà huma riflessi fis-sħubijiet li l-UE ilha tistabbilixxi ma' pajjiżi terzi f'dawn l-aħħar snin, b'mod partikolari mal-Eġittu, il-Ġordan, il-Mauritania u t-Tuneżija. Dawn huma integrali wkoll għall-Patt għall-Mediterran⁽¹²⁾, li jippromwovi approċċ għall-migrazzjoni bbażat fuq is-sħubija u fuq il-kunsiderazzjoni tar-rotta sħiħa, bħala parti minn strateġija komprensiva ġenerali li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet tagħna mas-sħab tagħna tal-viċinat tan-Nofsinhar. L-Unjoni għandha tkompli tippromwovi dan l-approċċ peress li joffri aktar stabbiltà, opportunitajiet reali, u jiżgura kooperazzjoni dwar governanza tal-migrazzjoni effettiva u bbażata fuq id-drittijiet bejn l-UE u s-sħab tul ir-rotot differenti.

Huwa importanti li l-UE u l-Istati Membri tagħha jsegwu diplomazija assertiva dwar il-migrazzjoni billi jsaħħu **r-rabtiet ma' politiki oħra u jużaw ingranaġġi u inċentivi**, f'konformità mas-sejħiet tal-Kunsill Ewropew⁽¹³⁾ matul l-aħħar snin. Is-sett ta' għodod għad-dispożizzjoni tal-Unjoni jinkludi l-politika dwar il-viżi, permezz tal-mekkaniżmu tal-Artikolu 25a tal-Kodiċi dwar il-Viżi u l-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża, kif ukoll il-kummerċ, permezz tar-reviżjoni maqbula reċentement tar-Regolament dwar l-Iskema

(12) Il-Komunikazzjoni konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Patt għall-Mediterran – Baħar Wieħed, Patt Wieħed, Futur Wieħed <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52025JC0026>.

(13) Il-Kunsill Ewropew, l-20 ta' Marzu 2025, Konklużjonijiet, paragrafu 25, EUCO 1/25.

Ġenerali ta' Preferenza, li se jagħti l-possibbiltà li tiġi rtirata temporanjament il-preferenza kummerċjali f'każ ta' nuqqas ta' kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni. Dan is-sett ta' għodod għandu jstendi wkoll għall-finanzjament estern, kif propost mill-Kummissjoni fir-Regolament dwar l-Ewropa Globali għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034 li jmiss. Dan għandu jiġi kkombinat mal-għodod bilaterali, l-ingranaġġi u l-inċentivi tal-Istati Membri tal-UE li għandhom jiġu mobilizzati b'appoġġ għall-azzjonijiet konġunti tal-UE. Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli se jesploraw inċentivi u ingranaġġi ġodda possibbli f'oqsma oħra ta' politika wkoll, biex jippromwovu l-interess tal-UE u joħolqu opportunitajiet ġodda għall-kooperazzjoni internazzjonali.

L-Unjoni ser tkompli tinvolvi ruħha b'mod attiv f'fora multilaterali rilevanti biex tibni sħubijiet affidabbli u **ttejjeb il-governanza globali tal-migrazzjoni**. Dan jinkludi l-Forum Internazzjonali ta' Rieżami tal-Migrazzjoni tal-Patt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Migrazzjoni Sikura, Ordinata u Regolari mistenni f'Mejju 2026, u l-appoġġ kontinwu għall-implimentazzjoni tal-Patt Globali għar-Refuġjati. Se timpenja ruħha wkoll mal-**Kunsill tal-Ewropa** biex tindirizza l-isfidi attwali ppreżentati mill-migrazzjoni illegali u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti⁽¹⁴⁾. Il-Kummissjoni se tikkontribwixxi għar-riflessjoni li għaddejjja tal-Kunsill tal-Ewropa fil-kuntest tal-inizjattiva mnedija matul il-Konferenza Ministerjali informali tal-10 ta' Diċembru 2025 dwar l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem filwaqt li tqis bis-sħiħ kemm l-oġettivi tal-protezzjoni tad-drittijiet kif ukoll l-iżgurar tas-sigurtà.

Biex jiġu indirizzati **l-kawżi fl-għerq** tal-migrazzjoni illegali, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jaħdmu biex jindirizzaw il-faqar madwar id-dinja, jippromwovu l-iżvilupp ekonomiku, u jagħtu spinta lill-paċi u s-sigurtà, b'mod partikolari billi jkomplu jappoġġaw is-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti, jinvolvu ruħhom b'mod attiv fir-riformi attwali, fejn xieraq, u jimmiraw li jipprovdu l-appoġġ meħtieġ fid-dawl ta' lakuni fir-riżorsi mingħajr preċedent, f'konformità mal-interessi tal-UE.

Approċċ ta' rotta sħiħa u approfondiment tal-kooperazzjoni mal-viċinat tal-UE

Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi **approċċ ta' rotta sħiħa** biex tindirizza l-isfidi multidimensjonali ta' movimenti mħallta ta' migrazzjoni ta' migranti ekonomiċi u ta' persuni li jfittxu protezzjoni, u tappoġġa lil pajjiżi terzi fit-tisħiħ tas-sistemi tagħhom tal-migrazzjoni, tal-ġestjoni tal-fruntieri, tal-ażil u tar-ritorn, inkluż biex jibnu l-kapaċitajiet tagħhom biex jipprovdu soluzzjonijiet adegwati ta' akkoljenza u protezzjoni għal dawk li jfittxu l-ażil u għar-refuġjati, filwaqt li tiffoka primarjament fuq pajjiżi qrib il-postijiet ta' orijini tal-migranti. L-azzjonijiet se jkunu mfassla apposta għal kull kuntest u jistgħu jvarjaw minn sforzi biex jiġu miġġielda l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, il-ġestjoni tal-fruntieri, ir-reġistrazzjoni, l-għoti ta' protezzjoni u t-tisħiħ tas-sistemi ta' forniment ta' servizzi li jinkludu l-komunitajiet ospitanti, kif ukoll il-ġestjoni ta' perkorsi legali u l-iżgurar ta' ritorn u riammissjoni rapidi, sikuri u dinjitużi u riintegrazzjoni sostenibbli.

Il-kooperazzjoni mill-qrib kontinwa ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (United Nations High Commissioner for Refugees, UNHCR), l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (International Organization for Migration, IOM) u organizzazzjonijiet governattivi internazzjonali rilevanti oħra, se tkun kruċjali biex jiġi appoġġat l-approċċ ta' rotta sħiħa sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-impenn internazzjonali akbar tal-UE. Il-Kummissjoni għandha l-għan li tappoġġa modi innovattivi biex tippromwovi spazji sikuri għall-protezzjoni ta' dawk li jfittxu l-ażil u tar-refuġjati eqreb lejn il-pajjiżi ta' orijini tagħhom, biex tgħin fil-prevenzjoni ta' vjaġġi perikolużi li jwasslu għal telf ta' ħajjiet tul

(14) [Migration challenges: Council of Europe ministers call for political declaration on rights - Portal](#)

ir-rotot, u biex tappoġġa r-ritorn volontarju u l-programmi ta' riintegrazzjoni minn pajjiżi terzi lejn il-pajjiżi ta' oriġini. L-approċċ ta' rotta sħiħa jista' jinkludi l-istabbiliment jew it-tisħiħ possibbli ta' ċentri eżistenti⁽¹⁵⁾ **bi skopijiet multipli** tul ir-rotot migratorji ewlenin, bi qbil mal-pajjiżi terz ikkonċernat u f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali tal-UE għandu jkollhom ukoll rwol fil-ġestjoni tal-migrazzjoni. L-istabbiliment ta' sistemi effiċjenti ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, u l-allinjament tal-politiki dwar il-migrazzjoni, il-viżi u l-ġestjoni tal-fruntieri ma' dawg tal-UE huma prekondizzjoni meħtieġa għall-adeżjoni mal-Unjoni. L-UE għandha b'mod speċjali żżomm kooperazzjoni profonda u tappoġġa lis-**sħab tat-tkabbir** b'enfasi fuq it-tisħiħ tal-ġestjoni tal-fruntieri, il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, l-appoġġ għall-allinjament mal-acquis tal-UE dwar il-politiki dwar il-migrazzjoni, l-ażil u l-viża u t-tisħiħ tar-riammissjoni u r-ritorni. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (European Union Agency for Asylum - EUAA), l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) u l-Europol se jkomplu jappoġġaw u jikkooperaw mas-sħab. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Balkani tal-Punent diġà kkontribwixxa għal tnaqqis sinifikanti fil-qsim illegali tal-fruntieri tul ir-rotta tal-Balkani tal-Punent u l-kooperazzjoni għandha tkompli taħt dan il-qafas.

Il-prevenzjoni ta' vjaġġi perikolużi u s-salvataġġ tal-ħajjiet

Il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti huwa reat faħxi li spiss jinkludi persuni minn pajjiżi differenti, li jisfrutta lin-nies, jipperikola ħajjithom u d-dinjità tagħhom, għall-benefiċċju ekonomiku tan-networks kriminali, jew li jintuża minn atturi statali li għandhom l-għan li jdgħajfu s-sigurtà tal-Unjoni. Dan idgħajf is-sistema ta' ġestjoni tal-migrazzjoni tagħna u jisfida l-protezzjoni tal-fruntieri esterni tagħna. L-UE u l-Istati Membri tagħha, mhux l-organizzazzjonijiet kriminali, iridu jkunu dawg li jiddeċiedu min jiġi fl-Unjoni u taħt liema ċirkostanzi.

Biex tfixxkel il-mudell kummerċjali tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin, tipprevjeni t-tluq irregolari u t-telf ta' ħajjiet, jeħtieġ li l-UE tkompli bl-isforzi tagħha biex issaħħaħ il-kapaċitajiet tas-sħab tagħna biex **jikkontrollaw u jimmaniġġjaw il-fruntieri mad-dħul u l-ħruġ**, u biex tiskjera l-kapaċità ta' tiftix u salvataġġ tagħhom, biex timminimizza l-inċidenti u tipproteġi lin-nies kontra riskji severi. Aktar ma jkun kmieni l-intervent tul ir-rotta, aktar tkun il-possibbiltà li jiġu evitati l-inċidenti u l-imwiet. Inizjattivi reċenti tal-UE ssarrfu f'prevenzjoni aktar effettiva ta' vjaġġi perikolużi.

Biex twieġeb b'mod effiċjenti, l-UE jeħtieġ ukoll li taħdem fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali, biex **l-Alleanza Globali għall-Ġlieda Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti** ssir qafas ta' kooperazzjoni robust u fit-tul li jlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati biex jipprevjenu l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, jirrispondu għaliha, u joħolqu alternattivi sikuri għall-immigrazzjoni illegali.

Filwaqt li tibni fuq l-ewwel sentejn tal-implimentazzjoni tal-Alleanza Globali, it-2 Konferenza Internazzjonali tal-Alleanza Globali fl-10 ta' Diċembru 2025 wittiet it-triq għall-istabbiliment ta' **kooperazzjoni strutturata** biex tlaħħaq mal-ambizzjonijiet oġhla tal-Unjoni. Is-sħab li approvaw id-Dikjarazzjoni Konġunta⁽¹⁶⁾ impenjaw ruħhom għal sett ta' prinċipji, impenn u responsabbiltà kondiviżi biex isaħħu l-kooperazzjoni

(15) Pereżempju, fil-qafas tal-Programm għall-Protezzjoni tal-Migrazzjoni, ir-Ritorn u r-Riintegrazzjoni għall-Afrika sub-Saħarjana (MPRR-SSA) https://international-partnerships.ec.europa.eu/policies/programming/projects/migrant-protection-return-and-reintegration-programme-sub-saharan-africa-mpr-ssa_en.

(16) https://home-affairs.ec.europa.eu/document/download/54b4208d-d928-4177-aac3-c70c4f6b2745_en?filename=Global%20Alliance%20Joint%20Declaration_final.pdf

internazzjonali fl-indirizzar tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti b'mod kollettiv u globali f'approċċ ta' "rotta sħiħa", u fl-ispirtu ta' responsabbiltà kondiviża. Il-laqgħat annwali tal-Uffiċjali Għolja se jixprunaw il-ħidma ta' segwitu biex jiġu implimentati l-prijoritajiet u jitravmu koerenza msaħħa u ppjanar konġunt, filwaqt li l-Konferenzi Ministerjali se jiżguraw tmexxija politika sostnuta. Dan ser jgħawwi l-koordinazzjoni u l-impatt ta' diversi inizjattivi reġjonali u tematiċi (eż. il-proċessi ta' Budapest, Khartoum, Niamey, Praga u Rabat, Eurofront u El Pacto mal-Amerka Latina u l-Karibew), kif ukoll il-G7 u l-ħidma mwettqa mill-UNODC u l-Kunsill tal-Ewropa), bl-għan li jiġu ssemplifikati aktar l-azzjonijiet u jitravmu s-sinerġiji.

In-networks tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin jabbużaw minn pjattaformi diġitali, kriptoassi u teknoloġiji oħra biex jipromwovu l-attivitajiet illeċiti tagħhom, jixprunaw l-operazzjonijiet tagħhom u jaħbu l-qligħ illegali. Waħda mill-prijoritajiet tal-Alleanza Globali se tkun li tiġġieled il- "**faċilitazzjoni diġitali ta' dħul klandestin**", filwaqt li tqawwi l-involviment mal-pjattaformi diġitali u l-fornituri tat-teknoloġija. Fl-istess ħin, jeħtieġ li nisfruttaw it-teknoloġija għall-vantaġġ tagħna, billi ngħammru lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi b'għodod u teknoloġiji ġodda, inklużi kapaċitajiet analitiċi xprunati mill-IA, biex nipproċessaw u nikkollegaw settijiet ta' data vasti, biex l-infurzar tal-liġi jkun jista' jibqa' dejjem pass qabel it-traffikanti. Għal dan l-għan, l-Europol, li reċentement għet imsaħħa miċ-Ċentru tagħha Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti⁽¹⁷⁾, se ttejjeb l-attività operazzjonali tagħha fil-ġlieda kontra l-impronta online tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' migranti. Il-Kummissjoni se tapprofondixxi wkoll is-sħubija strateġika tagħha mal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (United Nations Office on Drugs and Crime, UNODC) biex tindirizza d-dimensjoni online tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tfixkel il-flussi finanzjarji illeċiti permezz ta' approċċ "segwi l-flus". Dan jirrikjedi l-użu ta' intelligence finanzjarja u kondiviżjoni sigura tal-informazzjoni biex jiġu identifikati atturi kriminali f'kull livell. Barra minn hekk, l-identifikazzjoni diġitali u s-servizzi fiduċjarji tal-oġġla livell ta' żvilupp tekniku jistgħu jiffaċilitaw l-applikazzjoni ta' miżuri ġodda għall-ġlieda kontra l-frodi u s-serq tal-identità, kif ukoll biex jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri.

L-użu ta' **mezzi ta' trasport kummerċjali**, prinċipalment bl-ajru, issa huwa mod stabbilit ta' kif jaħdmu n-networks ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, li qed iġibu migranti lejn pajjiżi terzi qrib l-UE jew li jmissu magħha, fejn il-migranti mbaġħad jippruvaw jidħlu fl-UE illegalment. Filwaqt li tibni fuq ir-riżultati ta' suċċess miksuba b'sett ta' għodod⁽¹⁸⁾ li jindirizza dawn l-attivitajiet, l-UE se timpenja ruħha mal-partijiet ikkonċernati ewlenin dwar is-segwitu għad-Dokument ta' Ħidma tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (International Civil Aviation Organization, ICAO)⁽¹⁹⁾, bl-għan li tiżviluppa approċċi komuni u tesplora azzjonijiet konġunti li jistgħu jiġu approvati minn pajjiżi sħab ewlenin u partijiet ikkonċernati tal-avjazzjoni, inkluż fil-kuntest tal-ICAO.

Bħala parti mill-isforzi biex il-pajjiżi tul ir-rotot migratorji jiġu mgħammra bl-għodod meħtieġa għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, l-UE ser tappoġġa lis-sħab fil-bini tal-kapaċità meħtieġa biex **isaħħu r-risponsi ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi**, u jistabbilixxu kanali solidi ta' kooperazzjoni, inkluż permezz ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunti. Dawn l-isforzi se

⁽¹⁷⁾ [IP_25_2229_EN.pdf](#)

⁽¹⁸⁾ Sett ta' għodod li jindirizza l-użu ta' mezzi kummerċjali tat-trasport biex tiġi ffaċilitata l-migrazzjoni irregolari lejn l-UE, https://home-affairs.ec.europa.eu/toolbox-addressing-use-commercial-means-transport-facilitate-irregular-migration-eu_en?prefLang=mt

⁽¹⁹⁾ https://www.icao.int/sites/default/files/Meetings/a42/Documents/WP/wp_449_en.pdf

jkollhom l-għan li jiżguraw detezzjoni, investigazzjoni u prosekuzzjoni aktar effettivi tan-networks tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin. Fl-aħħar mill-aħħar, dan għandu jwassal għal għadd akbar ta' prosekuzzjonijiet li jwasslu għal kundanni kif ukoll għal sanzjonijiet sinifikanti, li jagħmlu l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti attività kriminali aktar riskjuża, aktar kumplessa u inqas profittabbli. L-UE għandha tkun tista' tiddependi fuq network ta' sħab involuti fil-għieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti tul ir-rotot, biex tikseb intelligence u informazzjoni f'ħin reali dwar il-flussi migratorji, filwaqt li tgħin lill-pajjiżi tul ir-rotot biex jitħejjew. Il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, se tikkoopera mal-Interpol, l-Europol, l-Eurojust, il-Frontex u organizzazzjonijiet internazzjonali ewlenin, filwaqt li tiddependi wkoll fuq l-appoġġ tan-Network Ewropew ta' Uffiċjali ta' Kollegament dwar l-Immigrazzjoni.

Sfida serja ppreżentata mill-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti hija li l-kriminali li jorganizzaw u jwettqu dawk l-attivitajiet spiss jirrisjedu barra mill-UE u għalhekk ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri. B'mod parallel mal-proposta li qed tiġi diskussa mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill biex jissaħħa il-qafas tal-liġi tal-UE dwar il-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni tal-migrazzjoni illegali⁽²⁰⁾, l-UE qed tiżviluppa **reġim ġdid ta' sanzjonijiet** immirat lejn il-faċilitaturi ta' dħul klandestin u t-traffikanti tal-migranti, b'mod partikolari l-atturi kriminali ta' valur għoli, bl-għan li jiġu ffriżati l-assi tagħhom, jiġu mċaħħda mill-profitti u tiġi ristretta l-kapaċità tagħhom li jidħlu fl-UE, f'komplementarjetà sħiħa mal-miżuri tal-ġustizzja kriminali.

Is-sħubijiet strateġiċi u komprensivi tal-UE mal-Eġittu, il-Ġordan u t-Tuneżija, u s-sħubija dwar il-migrazzjoni mal-Mauritania, kif ukoll involviment akbar ma' sħab ewlenin, inkluż il-Libanu, il-Marokk, is-Senegal u t-Turkija, ikkontribwew għal tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' qsim illegali osservat fir-rotot tal-Mediterran tal-Lvant u Ċentrali u tal-Atlantiku⁽²¹⁾. Il-Kummissjoni qed tiżviluppa wkoll l-appoġġ tagħha lil-Libja dwar il-kapaċità ta' tiftix u salvataġġ u azzjonijiet relatati mal-protezzjoni, ir-ritorn umanitarju u l-evakwazzjonijiet, f'konformità mad-dritt internazzjonali u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, se tkompli tinvolvi ruħha ma' pajjiżi terzi biex issaħħa l-isforzi ta' tiftix u salvataġġ, tiġġieled il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, tiproteġi lill-persuni spostati, u ttejjeb il-kooperazzjoni dwar ir-ritorn u r-riammissjoni mill-UE u minn pajjiżi terzi oħra, filwaqt li tiżgura r-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u tal-obbligi internazzjonali.

L-għadd dejjem jikber ta' migranti li ddaħħlu b'kuntrabandu fil-**Kanal Inġliż** minn Franza lejn ir-Renju Unit jitlob rispons robust biex tiġi indirizzata l-migrazzjoni illegali u tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata, filwaqt li nagħmlu l-almu tagħna biex nipprevjenu aktar telf ta' ħajjiet fuq il-baħar. B'segwitu għad-dikjarazzjoni konġunta tas-Summit tal-Mexxejja tal-UE u r-Renju Unit f'Mejju 2025, u fil-kuntest tal-Alleanza Globali għall-Għieda Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, l-UE qed iżżid il-kooperazzjoni mar-Renju Unit. F'dan il-kuntest, il-proġett pilota maqbul minn Franza u r-

⁽²⁰⁾ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli minimi għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni, u li tissostitwixxi d-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946/ĠAI; [EUR-Lex - 52023PC0755 - MT - EUR-Lex](#).

⁽²¹⁾ Ir-Rapport Annwali dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni (2025), ibbażat fuq id-data tal-Frontex, bejn l-1 ta' Lulju 2024 u t-30 ta' Ġunju 2025, il-wasliet tul ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali, tal-Atlantiku u tal-Mediterran tal-Lvant naqsu b'40 %, 25 % u 11 % rispettivament meta mqabbla mal-perjodu ta' rapportar preċedenti.

Renju Unit, u appoġġat mill-Kummissjoni, huwa utli biex jiskoraġġixxi dawn il-vjaġġi perikolużi u jindirizza din is-sitwazzjoni diffiċli fil-fruntiera esterna tal-UE.

L-appoġġ lill-pajjiżi sħab fit-tisħiħ tas-sistemi tal-ażil u tal-protezzjoni tagħhom

Fl-aħħar ta' Ġunju 2025, aktar minn 117 miljun persuna madwar id-dinja ġew **spostati bil-forza**⁽²²⁾. Din iċ-ċifra kważi rduppjat f'dawn l-aħħar għaxar snin, u tirrifletti kważi għaxar snin ta' żidiet sena wara sena. Żewġ terzi ta' daww li huma mġiegħla jtilqu jibqgħu f'żoni ġirien, spiss ospitati f'pajjiżi b'introjtu baxx u medju. Il-persuni spostati u r-refuġjati jibbenefikaw jekk jibqgħu fir-reġjun fejn tingħata protezzjoni effettiva peress li b'hekk jitnaqqas ir-riskji ta' vjaġġi perikolużi u t-tbatija umana relatata u jgħin lill-Istati fil-ġestjoni tal-isfidi tal-migrazzjoni f'konformità mal-obbligi internazzjonali.

Filwaqt li tibni fuq ir-riżultati miksuba taħt l-NDICI-Ewropa Globali, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa programmi biex issaħħaħ is-sistemi nazzjonali tal-ażil, l-oqfsa ta' akkoljenza u protezzjoni u l-ġestjoni tal-migrazzjoni f'pajjiżi terzi. Ser jingħata appoġġ għal riformi legali u istituzzjonali u l-bini tal-kapaċità għad-determinazzjoni tal-istatus ta' refuġjat, ir-reġistrazzjoni u s-sistemi ta' dokumentazzjoni f'diversi pajjiżi sħab. Din il-ħidma se tkun marbuta ulterjorment ma' djalogi u sħubijiet reġjonali ma' pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu ewlenin. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkompli tipprovdi servizzi ta' protezzjoni u soluzzjonijiet dejjiema għall-persuni spostati b'mod furzat.

Il-promozzjoni ta' perkorsi għall-protezzjoni

Il-ftuħ ta' perkorsi legali għall-protezzjoni ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni huwa turija tanġibbli li l-UE qed tettaq ir-responsabbiltajiet dinjija tagħha. Fl-istess ħin, il-perkorsi legali jservu l-oġettiv li l-wasliet jiġu ġestiti b'mod ordnat u sigur, filwaqt li l-faċilitaturi ta' dħul klandestin u l-vjaġġi perikolużi jitwarrbu min-nofs. Hija wkoll għodda strateġika li tista' ssaħħaħ il-kooperazzjoni tal-UE mal-pajjiżi sħab, bħala parti minn approċċ olistiku, komprensiv u ta' rotta sħiħa għall-ġestjoni tal-migrazzjoni. Dawn il-perkorsi jgħinu biex itaffu l-pressjoni fuq daww is-sħab, irawmu l-kapaċità li jtejbu l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u ta' protezzjoni internazzjonali tagħhom, u jikkomplementaw il-politiki tagħna li għandhom l-għan li jipprevjenu movimenti perikolużi mill-pajjiżi ta' oriġini. Dan għalhekk għandu jiġi inkorporat fil-qafas usa' ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab. Għalhekk, l-UE għandha żżid l-ambizzjonijiet tagħha dwar **ir-risistemazzjoni u l-ammissjoni umanitarja**, bħala parti integrali mis-sett ta' għodod tagħha għad-diplomazija dwar il-migrazzjoni.

Il-kapaċitajiet imġebbda żżejjed tas-sistemi nazzjonali ta' akkoljenza, kif ukoll fatturi politiċi u finanzjarji sinifikanti oħra, irriżultaw fi tnaqqis tal-postijiet li l-Istati Membri tal-UE jistgħu joffru għall-perjodu 2026-2027 fil-Pjan tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja⁽²³⁾. Madankollu, ġestjoni aktar effettiva tal-migrazzjoni bl-implimentazzjoni tal-Patt għandha toħloq il-kundizzjonijiet għal **pjanijiet ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja** aktar ambizzjużi matul is-snin li ġejjin.

Appoġġ għar-ritorni minn pajjiżi terzi

Mill-2016, l-UE żiedet b'mod sinifikanti l-appoġġ tagħha **għal ritorni volontarji sostenibbli mill-pajjiżi ta' tranżitu** lejn il-pajjiżi ta' oriġini tal-migranti. Dan għen lill-pajjiżi terzi jnaqqsu l-pressjoni fuq is-sistemi tagħhom u jnaqqsu l-għadd ta' wasliet illegali fl-UE. Offra wkoll opportunità għall-migranti maqbuda mingħajr perspettiva ta' protezzjoni u l-ebda mezz biex jirritornaw waħedhom, filwaqt li tiproteġihom mill-abbużi

⁽²²⁾ UNHCR - Refugee Data Finder - Key Indicators, <https://www.unhcr.org/refugee-statistics>

⁽²³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/702 tas-17 ta' Marzu 2025 li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tieħu sehem, f'isem l-Unjoni, fin-negożjati għal strument internazzjonali li jstabbilixxi Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna; ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/702/oj>.

tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin. L-appoġġ finanzjarju pprovdut taħt l-istrument attwali tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali NDICI-Ewropa Globali s'issa (2021-2025) jammonta għal aktar minn EUR 1 biljun, biex jappoġġa r-ritorn minn pajjiżi terzi u r-riintegrazzjoni, kif ukoll biex isawwar is-sjeda u l-kapaċitajiet ta' pajjiżi terzi li jimmaniġġjaw ir-riintegrazzjoni permezz ta' mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment, fl-Afrika ta' Fuq, fl-Afrika sub-Saħarjana kif ukoll fl-Asja. Wieħed mill-programmi ewlenin għall-appoġġ tar-ritorn u r-riintegrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi huwa l-Programm ta' Protezzjoni tal-Migranti għar-Ritorn u r-Riintegrazzjoni (Migrant Protection Return and Reintegration Programme, MPRR). Dan jikkontribwixxi għall-protezzjoni ta' migranti vulnerabbli u maqbuda, inkluż permezz ta' ritorn volontarju assistit mill-Afrika ta' Fuq u s-Saħel, u r-riintegrazzjoni sostenibbli tagħhom fl-Afrika sub-Saħarjana. Il-MPRR appoġġa r-ritorn ta' aktar minn 127 500 individwu u r-riintegrazzjoni ta' aktar minn 106 600 bejn Diċembru 2022 u Novembru 2025. B'mod ġenerali, fil-qafas tal-NDICI-Ewropa Globali attwali, il-MPRR kemm fl-Afrika ta' Fuq kif ukoll fl-Afrika sub-Saħarjana s'issa rċieva aktar minn EUR 650 miljun, mit-total ta' EUR 1 biljun allokati għar-ritorn u r-riintegrazzjoni taħt l-NDICI-Ewropa Globali bejn l-2021 u l-2025⁽²⁴⁾. L-appoġġ għar-ritorni volontarji lejn l-Afrika sub-Saħarjana u pajjiżi ta' orġini ewlenin oħra, kif ukoll l-isforzi biex jiġu żviluppati sistemi nazzjonali ta' riintegrazzjoni, ser jibqgħu komponenti importanti tad-diplomazija tal-UE dwar il-migrazzjoni.

Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi r-ritorn volontarju assistit u r-riintegrazzjoni minn pajjiżi terzi fil-kuntest tal-kooperazzjoni strateġika tagħha ma' pajjiżi terzi, filwaqt li taħdem f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-pajjiżi terzi kkonċernati, u bl-appoġġ tal-programm ta' riintegrazzjoni tal-UE tal-Frontex u atturi internazzjonali bħall-IOM. L-azzjonijiet biex jissaħħu r-ritorni volontarji minn pajjiżi terzi jimxu id f'id mal-isforzi biex jissaħħu r-ritorn u r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkun qegħdin fl-UE illegalment (ara t-taqsim 5).

3. FRUNTIERI TAL-UE QAWWIJA BIEX JISSAĦĦU L-KONTROLL U S-SIGURTÀ

Il-protezzjoni tal-**integrità tal-fruntieri esterni tal-Unjoni u taż-żona Schengen** bħala żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni hija element ewlieni ta' approċċ integrat u komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni.

Biex tikseb dan, l-Unjoni jeħtieġ li żżomm fruntieri esterni b'saħħithom li jistgħu jiggarrantixxu s-sigurtà u l-ordni, jiżguraw **kontroll effettiv fuq min jidħol⁽²⁵⁾ u jibqa'** fl-Unjoni legalment, filwaqt li jipprevjenu d-dħul u s-soġġorni illegali. Flimkien ma' qafas legali robust li jipprevjeni l-abbużi u l-movimenti sekondarji mhux awtorizzati fl-UE kif introdotti mill-Patt, il-protezzjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-UE għandha ttejjeb ukoll is-sitwazzjoni fil-fruntieri interni tal-UE, tiffaċilita l-funzjonament taż-żona Schengen, u ssaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri.

Fl-istess ħin, qed jitfaċċaw sfidi ġodda b'mod kostanti fil-fruntieri, li jaffettwaw is-sigurtà u l-integrità territorjali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Mill-2021, it-theddid ibridu marbut mal-**istrumentalizzazzjoni tal-migranti u l-użu tal-migrazzjoni** bħala arma mir-Russja u l-Belarusja komplew jintensifikaw fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. L-Unjoni ma tistax tippermetti lill-atturi ostili jabbużaw mill-

⁽²⁴⁾ Migrant Protection, Return and Reintegration Programme for Sub-Saharan Africa (MPRR-SSA) - International Partnerships, https://international-partnerships.ec.europa.eu/policies/programming/projects/migrant-protection-return-and-reintegration-programme-sub-saharan-africa-mpr-ssa_en

⁽²⁵⁾ Ir-regola sottostanti, stabbilita mill-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (l-Artikolu 5(3)) tibqa' li l-fruntieri esterni għandhom jinqasmu biss fil-punti ta' qsim tal-fruntieri, inkella jkun hemm ir-riskju ta' penali.

valuri u l-prinċipji tagħha, inkluż id-dritt għall-ażil, u jimminaw id-demokrazzji tagħha. Bħala parti mir-rispons tagħha, inkluż is-sensibilizzazzjoni diplomatika u l-ħidma leġiżlattiva, fl-2024, il-Kummissjoni ħarġet Komunikazzjoni⁽²⁶⁾ b'appoġġ għall-Istati Membri tal-UE li jiġġieldu t-theddid ibridu mill-użu tal-migrazzjoni bħala arma u biex tissaħħaħ is-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-UE u pprovdiet finanzjament biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri tagħhom. Matul il-ħames snin li ġejjin, l-Unjoni trid tkompli tkun ippreparata bis-siħ biex tindirizza l-isfidi jew it-theddid emerġenti.

L-Unjoni qed tippjana li tkompli tiżviluppa **Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri (European Integrated Border Management - EIBM)** robusta u effettiva, li ttipprezenta t-tieni Strateġija tal-EIBM fl-2028, appoġġata minn teknoloġiji u infrastrutturi tal-informazzjoni tal-ogħla livell, bil-Frontex u l-eu-LISA bħala l-fergħat operazzjonali tagħha. Ir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Frontex ipplanata għall-2026, se tesplora kif jista' jkompli jissaħħaħ il-mandat tal-Aġenzija fil-qasam tal-protezzjoni tal-fruntieri u kif jista' jissaħħaħ il-korp permanenti tagħha, filwaqt li tkun tista' tespandi l-preżenza tagħha u ssaħħaħ l-appoġġ operazzjonali tagħha lill-Istati Membri u lill-pajjiżi terzi.

Kontroll aktar effettiv tal-aċċess għat-territorju tal-UE u għaż-żona Schengen

Bl-introduzzjoni gradwali tas-**Sistema ta' Dħul/Ħruġ (Entry/Exit System, EES)** li bdiet f'Ottubru 2025, l-UE qed tħaddem l-aktar sistema diġitali avvanzata ta' ġestjoni tal-fruntieri fid-dinja. L-EES qed tittrasforma l-kontroll fil-fruntieri billi ttejjeb il-kapaċità li jiġu mmonitorjati d-dħul fl-UE u l-ħruġ minnha, kif ukoll ta' min jaqbeż il-perjodu permess, u ttejjeb il-fluss ta' informazzjoni bejn is-sistemi u l-awtoritajiet, filwaqt li tiżgura rispons aktar effiċjenti u effettiv għall-isfidi tal-migrazzjoni u tas-sigurtà li qed jevolvu.

Bħala l-pass li jmiss, l-Unjoni hija ffukata fuq it-tnedija tal-bażi tad-data l-ġdida dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni (Eurodac) sa nofs l-2026, kif ukoll is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (European Travel Information and Authorisation System - ETIAS) sa tmiem l-2026. L-introduzzjoni sħiħa tal-**interoperabbiltà** tas-sistemi kollha, inkluża s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (Visa Information System, VIS), hija pplanata għas-snin li ġejjin.

Biex twettaq din it-trasformazzjoni diġitali, **l-eu-LISA**, l-Aġenzija tal-UE għall-ġestjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira, se tibqa' ċentrali. Il-proposta tal-QFP tipprevedi żieda sinifikanti fir-riżorsi tagħha biex l-Aġenzija tingħata l-mezzi meħtieġa biex tiżviluppa u tħaddem il-komponenti kollha tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira taħt il-mandat tagħha.

Barra minn hekk, minn nofs l-2026, l-Istati Membri se jibdew, bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Patt, **bl-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaslu fl-UE mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul** fiż-żona Schengen. Dan se jiżgura li l-persuni li jaslu illegalment fil-fruntieri esterni tal-UE jgħaddu minn kontrolli tal-identità, tas-sigurtà, tas-saħħa u tal-vulnerabbiltà u se jiġu diretti lejn il-proċedura xierqa. F'dan ir-rigward, ir-reviżjoni maġġuri tal-**Eurodac** f'nofs l-2026, il-bażi tad-data bijometrika ċentrali tal-UE, se tipprovi lill-awtoritajiet b'sistema tal-IT għall-ġestjoni tal-migrazzjoni biex jissorveljaw, jimmaniġġjaw u jikkontrollaw b'mod komprensiv u diġitali l-ażil u l-migrazzjoni fl-UE. **Il-proċeduri obligatorji l-ġodda tal-ażil u tar-ritorn fuq il-fruntiera** se jsaħħu l-kontroll fuq il-fruntieri tagħna, isaħħu l-kapaċità tagħna li nipprevjenu d-dħul illegali, u jagħmlu s-sistemi tal-ażil u tar-ritorn tagħna aktar effettivi. L-applikanti li probabbilment ma jkunux jistgħu jiksbu protezzjoni fl-UE, li jkunu ġew identifikati bħala li joħolqu riskju għas-sigurtà interna tal-UE, jew li jqarrqu bl-awtoritajiet, mhux se jitħallew jidħlu fl-Unjoni u se jiġu pproċessati fil-fruntiera malajr. Il-mekkaniżmi

⁽²⁶⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-theddid ibridu mill-użu tal-migrazzjoni bħala arma u t-tiħ tas-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-UE; <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52024DC0570>.

nazzjonali ta' monitoraġġ indipendenti se jimmonitorjaw ir-rispett tad-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet tat-tfal, matul l-iskrinjar u l-proċedura tal-ażil fuq il-fruntiera.

L-isfruttar tat-teknoloġija għall-ġestjoni u l-protezzjoni tal-fruntieri tal-Unjoni

Fil-ħames snin li ġejjin, l-Unjoni ser tkompli tibni **l-kapaċitajiet tagħha xprunati mill-intelligence** biex tipproteġi l-fruntieri esterni tagħha u tiżgura għarfien komprensiv tas-sitwazzjoni u kapaċità ta' reazzjoni xierqa. Għal dak l-għan, l-EUROSUR diġà tipprovdi sorveljanza tal-ogħla livell li ssaħħa il-kapaċità tal-Unjoni li timmonitorja u tikkontrolla l-fruntieri esterni komuni ta' Schengen permezz ta' skambju ta' informazzjoni kważi f'ħin reali relatat mal-migrazzjoni illegali u l-kriminalità transfruntiera. Aktar titjib fil-funzjonament tal-EUROSUR kif ukoll l-użu ta' teknoloġiji moderni fis-sorveljanza tal-fruntieri, inkluż l-użu tattiku tad-droni u l-kapaċitajiet kontra d-droni, se jkunu kruċjali. Il-Kummissjoni se tivvaluta kif il-Frontex tista' tappoġġa lill-Istati Membri fix-xiri ta' tali tagħmir u tipprovdi t-taħriġ meħtieġ. Barra minn hekk, l-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infurmazzjoni (Common Information Sharing Environment, CISE), li jippermetti l-kondiviżjoni strutturata u sigura tal-infurmazzjoni fost l-awtoritajiet marittimi tal-UE, se jkompli jkollu rwol fiż-żieda tas-sensibilizzazzjoni dwar l-attivitajiet marittimi u fl-appoġġ tar-rispons għall-migrazzjoni illegali.

Se jkun hemm inizjattivi ġodda li se jkomplu jixprunaw **id-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-fruntieri tal-UE** u jiffaċilitaw id-dħul ta' vjaġġaturi bona fide. Id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri tal-viża, maqbula f'Ġunju 2023 u li għandhom jiġu implimentati sal-2030, se tagħmilha aktar faċli għall-vjaġġaturi biex japplikaw għal viża ta' Schengen u għall-awtoritajiet nazzjonali biex jipproċessaw l-applikazzjonijiet aktar malajr. Fl-istess ħin, id-diġitalizzazzjoni proposta tad-dokumenti tal-ivvjaġġar⁽²⁷⁾, ladarba tiġi adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, inkluż billi tiġi sfruttata l-Kartiera tal-UE tal-Identità Diġitali, se tkompli tikkonferma l-pożizzjoni tal-UE bħala fuq quddiem nett fid-dinja fejn tidħol il-ġestjoni tal-fruntieri sigura, effiċjenti u favur il-vjaġġatur. Il-Kummissjoni se tipproponi wkoll regoli aġġornati tal-UE dwar il-format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jiġu indirizzati l-lakuni fis-sigurtà u sfidi oħra⁽²⁸⁾.

L-użu ta' **teknoloġiji ġodda**, inklużi għodod ta' Intelliġenza Artifiċjali (IA) affidabbli u ċċentrati fuq il-bniedem, jenħtieġ li jingħata prijorità kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali, biex jiġu antiċipati l-iżviluppi, u biex jissaħħu t-tnejn u r-reżiljenza tal-fruntieri esterni tal-UE. Dan jinkludi mudelli li jassistu l-identifikazzjoni ta' assi jew bastimenti li jkun jidher li jkollhom irregolaritajiet li jeħtieġu aktar verifiki jew investigazzjonijiet (bħal dawk marbuta ma' diffikultà jew attivitajiet irregolari). Dan se jgħin biex jiġu appoġġati l-attivitajiet kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin jew it-tiftix u s-salvataġġ; li jittejjeb ir-rikonossiment ta' oġġetti bħal vetturi jew bastimenti; li tiġi analizzata malajr data kbira u eteroġenja u li jitwettaq rikonossiment bijometriku użat għal kontrolli siguri u affidabbli u għall-faċilitazzjoni tal-ivvjaġġar kif ukoll għall-ġlieda kontra

(27) Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi applikazzjoni għas-sottomissjoni elettronika ta' data tal-ivvjaġġar ("l-applikazzjoni tal-ivvjaġġar Diġitali tal-UE") u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/399 u (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004, fir-rigward tal-użu ta' kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali; <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52024PC0670>.

(28) L-isfidi li jaffettwaw lill-Istati Membri jinkludu żidiet f'daqqa fil-flussi migratorji (li jwasslu biex għadd kbir ta' kards ikollhom jinħarġu fi żmien qasir, kif ukoll kostijiet għoljin), fluttwazzjonijiet fil-ktajjen tal-provvista globali għall-produzzjoni tal-kards vojta, u nuqqasijiet ta' ċerti komponenti meħtieġa għall-produzzjoni. Dawn l-isfidi saru prominenti matul il-pandemija tal-COVID-19 u wara l-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mir-Russja.

s-serq tal-identità. Ħafna minn dawn l-għodod qed jiġu żviluppati u se jkomplu jiġu żviluppati bl-appoġġ tal-programmi ta' riċerka u żvilupp tal-Kummissjoni⁽²⁹⁾, li jistinkaw biex jiżviluppawhom abbażi ta' soluzzjonijiet Ewropej.

Il-Kummissjoni se **tisfrutta l-IA** biex tanalizza d-data u tidentifika x-xejriet fil-fruntieri esterni, tgħin lill-awtoritajiet jikkondividu l-informazzjoni permezz ta' għodod aktar avvanzati u tantiċipa u tirrispondi għall-iżviluppi u r-riskji, f'konformità mal-Att tal-UE dwar l-IA⁽³⁰⁾. Flimkien mal-Frontex, l-eu-LISA u l-Istati Membri, il-Kummissjoni se tiżviluppa, tittestja u, fejn xieraq, tappoġġa l-użu ta' għodod appoġġati mill-IA għall-analiżi tar-riskju, l-għarfien tas-sitwazzjoni u l-ġestjoni tal-identità fil-fruntieri esterni. Taħt il-komponent tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-EIBM tar-Regolament dwar il-Frontex⁽³¹⁾, il-Frontex se tuża l-kompiti ta' riċerka u innovazzjoni tagħha biex tippjana u timplimenta proġetti pilota, tittestja u tivvalida soluzzjonijiet teknoloġiċi f'ambjenti operazzjonali, u tikkondividi r-riżultati, il-gwida u t-taħriġ relatat mal-awtoritajiet nazzjonali. L-UE se tiżviluppa wkoll kapacià Ewropea indipendenti għal sistemi awtomatizzati ta' rikonossiment tal-identità, għall-fini tal-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, filwaqt li tibni fuq is-sistemi tal-IT fuq skala kbira eżistenti f'dan il-qasam. Kwalunkwe komponent tal-IA ta' sistemi bħal dawn se jiġi żviluppata u implimentata f'konformità mar-regoli rilevanti tal-UE, filwaqt li jkollu l-għan li jnaqqas id-dipendenzi strateġiċi fuq fornituri mhux tal-UE.

4. SISTEMA TAL-AŻIL U TAL-MIGRAZZJONI SODA, ĠUSTA U ADATTABBLI

Il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil huwa riforma ewlenija li tistabilixxi pedament legali sod għal mod ġust u aktar effiċjenti ta' ġestjoni tal-migrazzjoni. Dan joħloq approċċ komprensiv li għandu l-għan li jsaħħaħ il-politika tal-UE dwar l-ażil, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri. Jistabilixxi proċeduri rapidi u effiċjenti għall-ażil, b'salvagwardji b'saħħithom għall-applikanti, u jsaħħaħ il-proċessi fl-Unjoni u fil-fruntieri esterni tagħha. Permezz tal-Patt, l-UE qed tistabilixxi sistema effettiva ta' solidarjetà u responsabbiltà għall-ġestjoni kollettiva tal-migrazzjoni, fejn l-ebda Stat Membru ma jitħalla waħdu taħt pressjoni. Sistema li tkun ġusta u ġestita tajjeb, li tissalvagwardja kontra l-abbuż, tiproteġi lit-tfal, lill-persuni vulnerabbli u lid-drittijiet fundamentali tal-individwi u tippermetti lill-Unjoni tilqa' l-isfidi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil.

Għalhekk, il-ħames snin li ġejjin se jirrikjedu enfasi kontinwa fuq **l-implimentazzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni** tal-Patt. L-implimentazzjoni tagħha fl-Istati Membri issa tinsab fi stadju avvanzat u minħabba l-iskala tar-riformi, is-snin li ġejjin se jkunu kruċjali fil-konsolidazzjoni tas-sistemi l-ġodda ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni madwar l-Unjoni, filwaqt li titqies ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Patt huwa wkoll **il-pedament meħtieġ li fuqu niġghu nibnu aktar**. Il-Kummissjoni se tikkunsidra miżuri biex tintroduċi aspetti innovattivi ġodda, issaħħaħ il-koordinazzjoni operazzjonali, u tisfrutta bis-sħiħ l-opportunitajiet ipprovduti mill-qafas legali l-ġdid biex il-proċeduri tal-ażil isiru aktar

⁽²⁹⁾ Studju dwar it-tisħiħ tar-riċerka u l-innovazzjoni fis-sigurtà ffinanzjati mill-UE – 20 sena ta' Riċerka u Innovazzjoni fis-Sigurtà Ċivili ffinanzjati mill-UE – Rapport finali; <https://data.europa.eu/doi/10.2837/0004501>.

⁽³⁰⁾ Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj>.

⁽³¹⁾ F'konformità, b'mod partikolari, mal-Artikoli 10(1)(x) u 66 tar-Regolament dwar il-Frontex.

effiċjenti u sostenibbli. Din il-ħidma se tkun ibbażata fuq il-ħtieġa li l-politiki tal-Unjoni jibqgħu aġli u adattabbli u jantiċipaw fejn huma meħtieġa titjib u inizjattivi komplementari.

Se jkunu meħtieġ **approċċ ta' "gvern sħiħ"** kif ukoll sforz koordinat f'diversi dipartimenti u aġenziji tal-gvern, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri. Dan għandu jiggarrantixxi kollaborazzjoni bejn l-aġenziji, filwaqt li jrawwem implimentazzjoni ta' appoġġ reċiproku u konsistenti tal-politiki fis-setturi u l-livelli kollha tal-gvern, inklużi dawk reġjonali u lokali.

Is-sistema ġudizzjarja jeħtieġ li jkollha riżorsi adegwati u tkun imħarrġa dwar ir-riformi għall-funzjonament tajjeb tas-sistema ġenerali tal-migrazzjoni u l-ażil. Il-koordinazzjoni bla xkiel bejn l-ipproċessar amministrattiv tal-applikazzjonijiet għall-ażil u s-sistema ġudizzjarja se tkun partikolarment importanti. Billi jintegraw b'mod xieraq l-istrutturi amministrattivi, is-sistemi għas-sorveljanza ġudizzjarja, u l-mezzi ta' komunikazzjoni, l-entitajiet amministrattivi u ġudizzjarji jistgħu jħaffu l-proċessi u jimminimizzaw il-konġestjonijiet.

It-tħejjija u l-ippjanar ta' kontinġenza huma kruċjali biex il-migrazzjoni tiġi ġestita b'mod aktar effettiv billi jiġu antiċipati aħjar is-sitwazzjonijiet emerġenti. Il-Kummissjoni qed issaħħaħ il-kapaċità tagħha li tipproduċi projezzjonijiet u xenarji dwar il-wasliet u l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fil-futur u qed tiżviluppa kapaċità ta' prospettiva li tista' tappoġġa deċiżjonijiet operazzjonali u ta' politika, kif ukoll it-tħejjija, il-kontinġenza u r-reżiljenza tal-Istati Membri⁽³²⁾.

Sistema moderna tal-ażil għandha tiddependi wkoll fuq l-appoġġ tal-**iżviluppi teknoloġiċi**. Sa tmiem il-perjodu ta' ħames snin kopert minn din l-Istrateġija, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jwettqu l-proċeduri tal-ażil tagħhom bl-użu ta' sistemi diġitalizzati ta' ġestjoni tal-każijiet, u l-għodod ġodda tal-IA għandhom ikunu jistgħu jipprovdu l-appoġġ meħtieġ għall-proċeduri tal-veloċità, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Att tal-UE dwar l-IA.

L-implimentazzjoni tal-Patt u l-iżgurar li r-regoli jkunu adegwati għall-iskop tagħhom

L-implimentazzjoni tal-Patt hija proċess multiplu li jinvolvi diversi atturi biex il-ġabra kbira ta' atti leġislattivi jissarraf f'realtà operazzjonali. Din se tibqa' prijorità strateġika matul il-ħames snin li ġejjin. Dan il-proċess jinvolvi l-indirizzar ta' kwalunkwe adattament leġislattiv ulterjuri, it-tweqqif tar-riformi meħtieġa u l-iżgurar ta' operazzjonalizzazzjoni Prattika sħiħa fil-prattika fejn jidħlu l-għaxar elementi kostitwenti kollha deskritti fil-Pjan ta' Implimentazzjoni Komuni⁽³³⁾.

Il-Kummissjoni stabbiliet struttura ta' appoġġ robusta, magħmula minn 27 tim minn kull pajjiż, biex tassisti lill-Istati Membri u tiżgura l-koerenza madwar l-UE⁽³⁴⁾. Ingħataw għad-dispożizzjoni EUR 3 biljun addizzjonali⁽³⁵⁾ biex jappoġġaw lill-Istati Membri fir-riformi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Patt. L-impenn imfassal apposta se jkompli meta l-

⁽³²⁾ Dan se jkun ibbażat fuq l-istudju ta' prospettiva globali taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni li għandu jiġi ppubblikat fl-2026.

⁽³³⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Il-Pjan ta' Implimentazzjoni Komuni għall-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil; [EUR-Lex - 52024DC0251 - MT - EUR-Lex](#).

⁽³⁴⁾ Barra minn hekk, il-Kummissjoni tappoġġa għaxar Stati Membri permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (Technical Support Instrument, TSI) dwar l-implimentazzjoni tal-Patt. L-Istati Membri qed jibbenefikaw ukoll minn apprendiment bejn il-pari u skambji ta' Prattika tajba stabbiliti fil-kuntest tat-TSI; [TSI 2025 Flagship - Supporting Member States with the implementation of the new Pact of Migration and Asylum - European Commission](#).

⁽³⁵⁾ Dan l-ammont qed jiġi allokati flimkien mar-riżorsi finanzjarji inizjalment ippjanati li jiġu allokati lill-Istati Membri taħt l-istrumenti finanzjarji tal-Affarijiet Interni għall-perjodu 2021 – 2027.

Patt jibda japplika bis-sħiħ, lil hinn minn Ġunju 2026. Matul dan il-proċess, il-Patt jeħtieġ li jkun dinamiku u adattabbli għal sfidi ġodda u emerġenti.

Għal dak l-għan, f'Diċembru 2025, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu dwar żewġ miżuri ġodda biex jikkompletaw u jikkomplementaw il-Patt, li jemendaw il-kunċett ta' "pajjiż terz sikur" u jistabbilixxu lista tal-Unjoni ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri⁽³⁶⁾. Ir-rieżami skedat għall-2027 tar-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni⁽³⁷⁾ u r-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil⁽³⁸⁾ se jkun l-opportunità għall-ewwel evalwazzjoni ta' kif ir-regoli l-ġodda qed jaħdmu fil-prattika, u jekk humiex meħtieġa aktar aġġustamenti. Il-mekkaniżmu l-ġdid ta' monitoraġġ tal-EUAA, li għandu jitnieda fl-2026, se jgħin ukoll biex jiġu identifikati diskrepanzi u sfidi fl-applikazzjoni tar-regoli dwar l-ażil u l-akkoljenza u jinforma dan ir-rieżami.

Is-solidarjetà, flimkien mar-responsabbiltà, hija waħda mill-elementi ewlenin tal-Patt. Ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni jipprovdi appoġġ effettiv lill-Istati Membri taħt pressjoni migratorja. F'Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet l-ewwel ċiklu annwali ta' ġestjoni tal-migrazzjoni, li jipprovdi stampa komprensiva tas-sitwazzjoni tal-ażil, tal-migrazzjoni u tal-akkoljenza fl-UE, u li jidentifika l-Istati Membri taħt pressjoni migratorja, f'riskju ta' pressjoni migratorja jew li qed jiffaċċjaw sitwazzjoni migratorja sinifikanti⁽³⁹⁾. Il-Kunsill stabbilixxa l-ewwel **Riżerva ta' Solidarjetà** għall-2026⁽⁴⁰⁾. Il-Kummissjoni, b'mod partikolari permezz tal-ħidma tal-Koordinatur tas-Solidarjetà tal-UE, se tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Riżerva ta' Solidarjetà. Il-Kummissjoni beħsiebha tniedi ċ-ċiklu ta' ġestjoni tal-migrazzjoni kull sena biex tipprovdi appoġġ effettiv lill-Istati Membri li jkun qad jiffaċċjaw pressjoni, filwaqt li l-Kunsill għandu jistabbilixxi r-riżerva ta' solidarjetà annwali għal kull sena sussegwenti.

L-istabbiliment ta' kondivizzjoni effettiva u stabbli tar-responsabbiltà madwar l-Unjoni u t-tnaqqis ta' movimenti sekondarji mhux awtorizzati fit-territorju tagħha se jibqgħu prijorità. Il-movimenti sekondarji mhux awtorizzati jimminaw il-funzjonament tajjeb tal-Patt kollu kemm hu u għandhom impatt importanti fuq iż-żona Schengen. Għalhekk huwa ta' importanza kbira li jittejjeb l-istatus quo u li jiġu miġġielda l-movimenti sekondarji mhux awtorizzati. L-istrumenti leġiżlattivi tal-Patt jinkludu diversi miżuri qawwija għal dan l-għan, b'mod partikolari l-obbligu li jiġu skrinjati l-migranti kollha li jaslu illegalment u li jiġu rreġistrati l-applikanti kollha għall-protezzjoni internazzjonali fis-sistema Eurodac imġedda, il-proċeduri obbligatorji fuq il-fruntiera għall-ażil u r-ritorn, regoli aktar qawwija biex jiġi miġġieled il-ħarba, possibbiltajiet imtejba biex jitnaqqsu l-kundizzjonijiet materjali ta' akkoljenza, bħal meta applikant ikun

⁽³⁶⁾ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri fil-livell tal-Unjoni u Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż terz sigur"; <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025PC0186>; <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025PC0259>.

⁽³⁷⁾ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013; <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025PC0259>

⁽³⁸⁾ Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE.

⁽³⁹⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2323 tal-11 ta' Novembru 2025 skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/2323/oj.

⁽⁴⁰⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2642 tad-19 ta' Diċembru 2025 dwar l-istabbiliment tar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà għall-2026, ĠU L, 2025/2642, 23.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/2642/oj.

ħarab mill-Istat Membru responsabbli għalih, jew f'każijiet oħra ta' nuqqas ta' kooperazzjoni. It-trasferimenti effettivi huma ta' importanza kbira għall-funzjonament tajjeb u l-kredibbiltà tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, u għal-limitazzjoni ta' movimenti sekondarji mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri. Il-Patt joħloq sistema aktar rapida u aktar prevedibbli għat-trasferiment ta' persuni lejn l-Istat Membru responsabbli. Għal dak l-għan, fit-2026 l-EUAA se tesplora kif l-aħjar tappoġġa dawn ir-riformi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tippjana li tkompli tesplora, kif meħtieġ, l-impatt potenzjali ta' politiki ta' akkoljenza differenti madwar l-UE fuq il-movimenti tal-migranti, kemm lejn l-UE kif ukoll fi ħdanha.

L-immodernizzar tal-proċeduri tal-ażil permezz tad-diġitalizzazzjoni u l-użu tal-IA

Wieħed mit-titjibiet ewlenin miġjuba mill-Patt huwa ż-żieda fl-effettività tal-proċeduri. F'qasam fejn huma involuti ħafna atturi differenti fl-istrutturi amministrattivi u l-ġudikatura, soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda jistgħu jgħinu biex jingħelbu l-ostakli, jitnaqqas il-piż amministrattiv u jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali, mal-Aġenziji tal-UE u fost l-Istati Membri.

Għalhekk, se tkun prijorità li l-awtoritajiet tal-migrazzjoni jiġu mgħammra b'sistemi integrati ta' ġestjoni tal-każijiet u b'għodod diġitali intelliġenti. Il-Kummissjoni qed tippjana li tesplora, mill-2026, il-fattibbiltà ta' proposta **ddedikata għad-diġitalizzazzjoni fil-qasam tal-ażil**, anke fid-dawl ta' tali proposta li qed titħejja fil-qasam tar-ritorn. Għal dak l-għan se jiġi stabbilit grupp ta' esperti biex jikkonsulta lill-Istati Membri dwar l-aħjar triq għall-futur fir-rigward tal-iżvilupp ta' sistemi diġitali ta' ġestjoni tal-każijiet tal-ażil, li jintegraw il-proċeduri ta' skrinjar, ażil, akkoljenza u trasferiment⁽⁴¹⁾. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni qed tippjana li tidentifika l-passi li jmiss fl-appoġġ tal-isforzi tal-Istati Membri f'dan il-qasam. Mill-2026, l-isforzi se jiffukaw ukoll fuq it-trasformazzjoni ta' DubliNet, is-sistema għall-iskambju ta' informazzjoni skont ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni, f'għodda aktar effettiva u teknikament avvanzata biex tappoġġa lill-Istati Membri fit-twettiq tal-proċeduri skont dak ir-Regolament.

Barra minn hekk, teknoloġiji ġodda joffru opportunitajiet ġodda u li għadhom ma ġewx esplorati biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jiġu ssimplifikati l-proċessi, u jkun hemm deċizionijiet dwar l-ażil ta' kwalità għolja. **L-IA** tista' toffri lill-awtoritajiet nazzjonali l-għodod biex jiksibu dawn l-opportunitajiet. Pereżempju, fil-qasam tal-interpretazzjoni, it-traduzzjoni u t-traskrizzjoni, jew il-għbir u l-analiżi ta' informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini, kif ukoll fir-rigward tal-ġestjoni tal-każijiet u l-ottimizzazzjoni tal-fluss tax-xogħol, jew il-verifika minn qabel ta' jekk l-applikazzjonijiet ikunux imtlew kompletament. Dawn l-attivitajiet jistgħu jużaw ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni Ewropea dwar il-migrazzjoni ffinanzjati mill-UE⁽⁴²⁾. Biex isir progress f'dan il-qasam, f'konformità mar-rekwiżiti regolatorji eżistenti, fl-2026 il-Kummissjoni se tistabbilixxi **Forum għall-IA dwar il-Migrazzjoni** biex tesplora kif l-aħjar tuża l-għodod tal-IA fil-ġestjoni tal-ażil, tal-migrazzjoni u tal-fruntieri, biex tidentifika l-użi possibbli tal-IA u tħejji pjan operazzjonali għall-introduzzjoni konkreta ta' tali għodod ġodda. Din il-ħidma se tkun qed tiddependi wkoll fuq il-linji gwida li l-Kummissjoni beħsiebha tippreżenta fl-2026 dwar il-klassifikazzjoni ta' sistemi tal-IA b'riskju għoli⁽⁴³⁾.

⁽⁴¹⁾ Il-Kummissjoni diġà nediet studju estern dwar id-diġitalizzazzjoni u dwar l-integrazzjoni operazzjonali tas-sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet ta' ażil, tal-akkoljenza, tas-sistema Dublin u tar-ritorn, biex tivvaluta s-sitwazzjoni attwali fl-Istati Membri u l-valur miżjud tal-azzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam.

⁽⁴²⁾ Riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-UE dwar il-migrazzjoni: https://research-and-innovation.ec.europa.eu/research-area/social-sciences-and-humanities/migration-and-mobility_en?prefLang=mt.

⁽⁴³⁾ L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2024/1689; <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj/eng?eliuri=eli%3Areg%3A2024%3A1689%3Aoj&locale=mt>

L-għoti ta' appoġġ lill-persuni spostati mill-Ukrajna

L-għoti ta' protezzjoni **temporanja lin-nies li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna** jibqa' prijorità għall-Unjoni u għall-Istati Membri. Il-futur tal-Ukrajna u l-futur tal-UE huma interkonnessi permezz tas-sigurtà komuni tagħna, ir-rabtiet ekonomiċi iżda wkoll ir-rabtiet bejn in-nies li qed jinbnew matul dan iż-żmien. L-UE tibqa' impenjata li tkompli tappoġġa lill-Ukrajna fi triqitha lejn l-adeżjoni mal-UE.

Biex nimxu 'l quddiem f'**perspettiva aktar fit-tul**, filwaqt li titqies il-volatilità qawwija tas-sitwazzjoni, hemm bżonn li titfassal triq lejn residenza legali kontinwa u tiġi ffaċilitata l-inklużjoni tal-poplu Ukren fis-soċjetajiet ospitanti, filwaqt li jiġu appoġġati dawk li jixtiequ jirritornaw lura d-dar meta l-kundizzjonijiet jippermettu. Din it-tranżizzjoni jeħtieġ li tkun gradwali u prevedibbli, biex tappoġġa l-irkupru tal-Ukrajna. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għat-tranżizzjoni mill-protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna⁽⁴⁴⁾ adottata f'Settembru 2025 tipprovdi l-bażi għall-passi li jmiss. L-operazzjonalizzazzjoni tar-Rakkomandazzjoni qed titmexxa 'l quddiem f'diversi fora mal-Istati Membri, l-awtoritajiet Ukreni u l-organizzazzjonijiet internazzjonali⁽⁴⁵⁾.

Peress li l-appoġġ għall-persuni spostati mill-Ukrajna huwa l-ewwel każ fejn ġiet attivata **d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja** tal-2001, l-UE se jkollha tislet it-tagħlimiet meħuda minn aktar minn erba' snin ta' protezzjoni temporanja biex tinforma reazzjonijiet futuri possibbli.

5. RITORN U RIAMMISSJONI AKTAR EFFETTIVI

Ir-ritorn u r-riammissjoni rapidi, effettivi u dinjitużi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment huma **indispensabbli għall-integrità tas-sistemi tagħna tal-migrazzjoni u l-ażil**. Bħalissa, madwar kwart biss tal-migranti li jingħataw ordni li jtitilqu mill-Unjoni fil-fatt jagħmlu dan, għalkemm hemm differenzi bejn l-Istati Membri. Hemm bżonn urġenti li tiżdied l-effettività tar-ritorni biex tiġi skoraġġuta l-migrazzjoni illegali u biex jiġu ssalvagwardjati l-funzjonament tajjeb u l-integrità tas-sistema tal-migrazzjoni u l-ażil.

Matul il-ħames snin li ġejjin, l-UE trid tkun okkupata bis-sħiħ fil-bini ta' **sistema Ewropea komuni komprensiva għar-ritorn**. Xi Stati Membri diġà għamlu progress sinifikanti fiż-żieda tal-effiċjenza tal-proċeduri ta' ritorn tagħhom. Ir-Regolament dwar ir-Ritorn⁽⁴⁶⁾ li qed jiġi propost, ladarba jiġi adottat, se jipprovdi qafas legali ġdid bi proċeduri ta' ritorn aktar rapidi, aktar sempliċi u aktar effettivi madwar l-Unjoni li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-obbligi internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipju ta' *non-refoulement*.

Biex ir-ritorni jkunu effettivi, **il-pajjiżi terzi jeħtieġ li jaqdu bis-sħiħ ir-rwol tagħhom** u jonoraw l-obbligu internazzjonali ta' riammissjoni taċ-ċittadini tagħhom stess. L-UE għandha tiżviluppa u tuża l-vantaġġi u l-inċentivi kollha għad-dispożizzjoni tagħha, inklużi l-istrumenti ta' riammissjoni, l-għodod ta' finanzjament, il-politika dwar il-viżi u l-kummerċ biex trawwem kooperazzjoni aktar b'saħħitha dwar ir-riammissjoni bħala parti

⁽⁴⁴⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2025 dwar approċċ ikkoordinat għat-tranżizzjoni mill-protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/5129/oj>.

⁽⁴⁵⁾ Inkluż bl-appoġġ tal-Mibgħut Speċjali għall-Ukreni fl-UE, li kien ukoll involut mal-Istati Membri u mal-Ukrajna.

⁽⁴⁶⁾ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni, u li tħassar id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE; <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025PC0101>.

mis-sensibilizzazzjoni tagħha fejn tidħol id-diplomazija dwar il-migrazzjoni ma' pajjiżi terzi. Fl-istess ħin, jeħtieġ li l-Istati Membri jsegwu bir-reqqa u fil-ħin l-ordnijiet ta' ritorn billi jitolbu, meta jkun meħtieġ, li l-pajjiżi terzi jikkonfermaw in-nazzjonalità tal-persuna li għandha tiġi rritornata u jipprovduhom dokumenti tal-ivvjaġġar.

Il-bini ta' sistema komuni tal-UE għar-ritorni

Il-Patt jintroduċi diversi novitajiet u titjib fil-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni. Dwar ir-ritorn, il-qafas legali l-ġdid introdott mill-Patt, se jagħlaq **il-lakuni bejn l-ażil u r-ritorn**, filwaqt li jiżgura li d-deċiżjonijiet ta' ritorn u d-deċiżjonijiet negattivi dwar l-ażil jinħarġu qrib xulxin. Dan se jżid b'mod sinifikanti l-ħeffa tar-ritorni, billi jnaqqas l-opportunitajiet ta' ħarba u b'hekk jevita perjodi twal ta' inċertezza kemm għall-persuni rimpatrijati kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali.

Barra minn hekk, bil-**proċedura obbligatorja ta' ritorn fuq il-fruntiera**⁽⁴⁷⁾, l-applikanti miċħuda għall-protezzjoni internazzjonali se jirritornaw ħafna aktar malajr, direttament mill-fruntieri esterni u fi żmien il-perjodu ta' 12-il ġimgħa stabbilit bir-regoli l-ġodda. Il-Kummissjoni se tagħmel enfasi qawwija fuq l-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva tal-proċeduri l-ġodda fuq il-fruntiera, filwaqt li taħdem mill-qrib mal-Istati Membri, mal-Frontex u mal-pajjiżi sħab għal dak l-għan. Se tagħti wkoll attenzjoni partikolari lill-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni fil-kuntest tal-proċedura obbligatorja fuq il-fruntiera meta tħejji rapporti futuri skont l-Artikolu 25a tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

Filwaqt li tibni fuq dan it-titjib, il-prijorità għall-ħames snin li ġejjin hija li tiġi żviluppata bis-sħiħ **sistema Ewropea komuni għar-ritorn**, f'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni ta' Marzu 2025 għal Regolament li jstabbilixxi Sistema Ewropea Komuni għar-Ritorni⁽⁴⁸⁾. Ir-Regolament propost jagħti dimensjoni Ewropea aktar tanġibbli għar-ritorn permezz ta' ordni Ewropea ta' ritorn, li twitti t-triq għar-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ta' ritorn, sabiex ir-regoli tal-UE ma jkunux jistgħu jiġu evitati billi wieħed jiċċaqlaq illegalment minn Stat Membru għal ieħor. Ir-Regolament propost jipromwovi s-simplifikazzjoni u l-effettività billi jissimplifika l-proċessi interni, jiċċara d-drittijiet u l-obbligi tal-persuni rimpatrijati, bħall-obbligu ta' kooperazzjoni fil-proċedura ta' ritorn, inaqqas ir-riskju ta' ħarba u movimenti sekondarji mhux awtorizzati, u jagħlaq il-lakuni bejn il-proċeduri ta' ritorn fl-UE u l-attivitajiet ta' riammissjoni lejn pajjiżi terzi. Ir-ritorn ta' individwi li huma ta' theddida għas-sigurtà se jitħaffef ukoll. Ir-Regolament propost jistabbilixxi wkoll ir-regoli u s-salvagwardji għall-istabbiliment ta' "ċentri ta' ritorn" barra mill-Unjoni, li jistgħu joffru soluzzjonijiet ġodda għar-ritorn ta' persuni li huma obbligati jitolqu mill-UE. Konklużjoni rapida tan-negozjati dwar ir-Regolament dwar ir-Ritorn hija importanti biex fis-snin li ġejjin tkun tista' titwettaq is-sistema Ewropea komuni għar-ritorn.

Il-Kummissjoni se tippreżenta wkoll proposta leġiżlattiva dwar **id-diġitalizzazzjoni tar-ritorn** fl-2026, bil-ħsieb li jiġu żviluppata sistemi diġitali ta' ġestjoni tal-każijiet f'dan il-qasam. Dan se jkompli jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-ammont ta' xogħol amministrattiv tal-awtoritajiet nazzjonali, filwaqt li jissimplifika u jawtomatizza l-proċessi. Il-proposta għandha wkoll l-għan li tikkunsidra l-possibbiltà li l-Aġenziji tal-UE, bħall-Frontex u l-eu-

(47) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jstabbilixxi proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1148; ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1349/oj>.

(48) Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni, u li tħassar id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE; [EUR-Lex - 52025PC0101 - MT - EUR-Lex](#).

LISA, jiġu fdati b'responsabbiltajiet imtejba fir-rigward tas-sistemi diġitali ta' ġestjoni tal-każijiet.

B'mod parallel mat-tisħiħ tal-qafas legali l-ġdid, huma meħtieġa miżuri biex **jittejbu l-proċessi ta' ritorn fil-livell operazzjonali**.

Il-Koordinatur tar-Ritorn, appoġġat min-Network ta' Livell Għoli għar-Ritorni, se jespjora ideat ġodda u jiżviluppa prattiki relatati ma' sfidi speċifiċi bħar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi pproċessati fil-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, dawk li joħlqu theddida għas-sigurtà, jew ir-ritorn ta' minorenni mhux akkumpanjati f'konformità mad-dritt tal-UE u l-aħjar interessi tat-tfal. Għal dan l-iskop, il-ħidma konġunta mal-awtoritajiet tal-Istati Membri se tkompli tottimizza l-użu tar-riżorsi disponibbli u tuża l-ġħodod eżistenti kollha biex taċċellera r-ritorni. Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, se tkompli tiżviluppa inizzjattivi prattiċi ma' u f'pajjiżi terzi għal dan l-ġħan.

Ir-reviżjoni li jmiss tar-**Regolament dwar il-Frontex** fl-2026, se tesplora wkoll l-opportunità li jissaħħaħ ir-rwol operazzjonali tal-aġenzija fir-ritorn kemm fl-UE kif ukoll barra minnha. Għaddejnin riflessjonijiet dwar il-possibbiltà li jiġu appoġġati r-ritorni minn pajjiżi terz lejn pajjiżi terz ieħor, soġġett għal kundizzjonijiet ċari u salvagwardji legali, it-tisħiħ tar-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni, kif ukoll għażliet għat-titjib tal-governanza tal-Aġenzija f'dan il-qasam biex jiġu appoġġati l-prijoritajiet strateġiċi tal-UE.

Il-Kummissjoni, flimkien mal-Frontex, qed tieħu wkoll passi biex ittejjeb u tissimplifika l-ġbir tad-data dwar ir-ritorn, bil-ħsieb li ttejjeb **l-istampa tas-sitwazzjoni** dwar ir-ritorn, filwaqt li tippermetti ppjanar aħjar tar-riżorsi u l-ġħodod.

It-titjib tar-riammissjoni minn pajjiżi terzi

Il-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni mill-pajjiżi ta' oriġini tal-migranti hija meħtieġa għal ritorni ta' suċċess u għal ġestjoni effiċjenti tal-migrazzjoni, u hija komponent ewlieni ieħor tas-sistema Ewropea komuni għar-ritorn. Ir-riammissjoni taċ-ċittadini proprji hija obbligu skont id-dritt internazzjonali konswetudinarju li fuqu jinbnew ftehimiet u arranġamenti ta' riammissjoni tal-UE u ftehimiet ta' sħubija (eż. Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni) ma' pajjiżi terzi, kif ukoll oqfsa legali multilaterali (eż. ftehim ta' Samoa mal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku).

F'dan ir-rigward, il-kooperazzjoni mtejba dwar ir-riammissjoni tibqa' prijorità ewlenija tad-diplomazija tal-UE dwar il-migrazzjoni. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, iżżomm għajnejha regolarment fuq il-kooperazzjoni fil-qafas tal-istrumenti bilaterali u multilaterali eżistenti ta' riammissjoni u permezz tal-valutazzjoni annwali dwar il-kooperazzjoni ta' riammissjoni skont l-Artikolu 25a tal-Kodiċi dwar il-Viżi⁽⁴⁹⁾. Jeħtieġ li l-Unjoni tuża u ssaħħaħ is-sett ta' ġħodod tagħha biex tippromwovi l-kooperazzjoni f'dan il-qasam, f'konformità mal-appelli ripetuti tal-Mexxejja tal-UE għall-użu tal-ġħodod u l-istrumenti ta' politika kollha biex jissaħħu r-ritorn u r-riammissjoni. L-implimentazzjoni effettiva tal-24 **ftehim u arranġament eżistenti tal-UE** dwar ir-riammissjoni ma' pajjiżi terzi⁽⁵⁰⁾, u r-rispett sħiħ għall-obbligi minquxa fil-ftehimiet internazzjonali tal-UE u l-infurzar tagħhom għandhom jibqgħu prijorità.

⁽⁴⁹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jstabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi); <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2009/810/oj/eng?eliuri=eli%3Areg%3A2009%3A810%3Aoj&locale=mt>

⁽⁵⁰⁾ L-UE kkonkludiet ftehimiet ta' riammissjoni ma' Hong Kong, il-Macao, is-Sri Lanka, l-Albanija, ir-Russja, l-Ukrajna, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Bożnija-Herzegovina, il-Montenegro, is-Serbja, il-Moldova, il-Pakistan, il-Georgia, l-Armenja, l-Ażerbajġan, it-Turkija, Cape Verde, il-Belarużsja, u arranġamenti

Biex timmassimizza l-kooperazzjoni tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi u tiżgura approċċ strateġiku effettiv għan-negozjati, il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex tkompli ssaħħa l-iskambju ta' informazzjoni f'dan il-qasam. Tali skambji għandhom jinkludu riflessjoni dwar kif l-aħjar jiġu segwiti l-mandati ta' negozjar pendenti għal ftehimiet ta' riammissjoni. In-negozjati ta' riammissjoni li għaddejjin bħalissa jeħtieġ li jitlestew malajr u, fejn hemm valur miżjud fil-livell tal-UE, għandhom jitnedew negozjati ġodda. Il-Ftehim ta' Samoa jipprovdi wkoll qafas ċar għall-implimentazzjoni tal-obbligi ta' riammissjoni, filwaqt li jfakkar fl-obbligu tal-partijiet kollha li jirriammettu ċ-ċittadini tagħhom stess: l-implimentazzjoni tiegħu ser tiġi mmonitorjata u appoġġata minn impenn speċifiku, kif meħtieġ. Fejn xieraq, il-Kummissjoni se ssegwi arranġamenti ma' sħab internazzjonali biex tistabbilixxi proċeduri operattivi standard għar-riammissjoni ta' ċittadini proprji u tneħħi l-ostakli li jfixklu l-kooperazzjoni ma' dawk is-sħab.

Biex jinkiseb progress konkret fil-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni bħala parti mid-diplomazija dwar il-migrazzjoni, il-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Istati Membri jeħtieġ li jimmobilizzaw **l-inċentivi u l-vantaġġi meħtieġa** billi jużaw il-politiki, l-istrumenti u l-għodod rilevanti kollha tal-UE.

L-indirizzar ta' kuntesti diffiċli

Xi sitwazzjonijiet li jinvolvu pajjiżi terzi speċifiċi jistħoqqilhom aktar attenzjoni. F'dan ir-rigward, **is-Sirja** għadha qed tiffaċċja sfidi politiki, ta' sigurtà, umanitarji u ta' żvilupp sinifikanti. L-UE tappoġġa tranżizzjoni politika paċifika u inklużiva mmexxija mis-Sirjani, kif ukoll irkupru soċjoekonomiku biex jiġi evitat li terġa' tiżdied il-vjolenza. Il-Kummissjoni qed taħdem mal-UNHCR biex tappoġġa r-ritorni volontarji u r-riintegrazzjoni sostenibbli tal-persuni rimpatrijati. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħarġet gwida għal żjarat ta' osservazzjoni għall-benefiċjarji Sirjani tal-protezzjoni internazzjonali fl-UE li jistgħu jkunu jixtiequ jmorru lura s-Sirja. Il-Frontex reġġet bdiet ukoll tappoġġa l-operazzjonijiet ta' ritorn Sirjani u r-riintegrazzjoni tas-Sirjani.

Il-Kummissjoni qed taħdem ukoll biex tiżgura koordinazzjoni fil-livell tal-UE fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-Afgani li jgħixu fl-UE. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni qed tinvolvi ruħha fil-livell tekniku mal-awtoritajiet de facto tal-**Afganistan** dwar ir-ritorn u r-riammissjoni possibbli ta' ċittadini Afgani li jkunu qegħdin illegalment fl-UE, b'mod partikolari dawk li wettqu reati jew li qed joħlqu riskji għas-sigurtà, f'konformità mad-dritt tal-UE u mal-obbligi internazzjonali, inkluż b'rispett sħiħ tal-prinċipju ta' *non-refoulement*. Il-Kummissjoni qed taħdem mill-qrib mal-Istati Membri u qed tiddependi wkoll fuq l-appoġġ tal-Frontex għar-ritorn volontarju permezz tal-Programm ta' Riintegrazzjoni tal-UE.

6. MOBILTÀ TAL-FORZA TAX-XOGĦOL U TAT-TALENTI BIEK TINGĦATA SPINTA LILL-KOMPETITTIVITÀ

Matul is-snin li ġejjin, id-diskrepanzi fil-ħiliet u n-nuqqas ta' ħaddiema, xprunati wkoll mid-dinamika demografika, x'aktarx li jaċċentwaw il-ħtiġijiet dejjem akbar għas-**suq tax-xogħol** tagħna f'ħafna setturi ewlenin u, fi gradi differenti, madwar l-Unjoni⁽⁵¹⁾. Id-domanda f'oqsma ewlenin essenzjali għall-ekonomija tal-UE u l-benesseri taċ-ċittadini, li

ta' riammissjoni mal-Afganistan, il-Gambja, il-Guinea, il-Bangladesh, l-Etjopja u l-Kosta tal-Avorju. L-obbligi ta' riammissjoni taċ-ċittadini proprji huma wkoll parti minn strumenti internazzjonali oħra, inklużi l-Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) u l-Ftehim ta' Samoa ma' 77 pajjiż Afrikan, tal-Karibew u tal-Paċifiku.

(51) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa, [EUR-Lex - 52023DC0032 - MT - EUR-Lex](#).

jvarjaw minn oqsma mill-aktar avvanzati bħall-IA għall-kura tal-iżgħar u l-aktar anzjani tagħna, se tkompli tikber. Ir-riżerva ta' Talent tal-UE adottata reċentement diġà identifikat 42 impjieg li fihom l-UE qed tiffaċċja nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet li jillimitaw il-potenzjal ekonomiku Ewropew, u fejn il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u tat-talenti tista' toffri kontribut importanti.

L-Unjoni tal-Ħiliet⁽⁵²⁾ tindirizza l-ħtieġa li jiġi attirat u miżmum it-talent minn pajjiżi terzi, filwaqt li tikkomplementa l-miżuri biex tiġi attivata u mtejbja l-forza tax-xogħol domestika, inklużi ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà jirrisjedu fl-Unjoni. Il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u tat-talenti huma parti mill-mudell ekonomiku tal-UE, isaħħu **l-kompetittività** tagħha, jindirizzaw l-isfidi demografiċi u tal-ħiliet⁽⁵³⁾, u jrawmu l-innovazzjoni.

Fil-ħames snin li ġejjin, l-UE għandu jkollha l-għan li ssir l-aktar post attraenti fit-tellieqa globali għat-talent, billi ġġib persuni tas-sengħa li jvarjaw minn innovaturi li jixprunaw il-progress teknoloġiku għal ħaddiema li jipprovdu servizzi essenzjali ta' kura. Għal dan l-għan, jeħtieġ li **nżidu l-kooperazzjoni tagħna mal-pajjiżi sħab**, billi nużaw il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u tat-talent bħala għodda kemm għad-diplomazija dwar il-migrazzjoni kif ukoll għar-relazzjonijiet diplomatiċi u ekonomiċi komprensivi mas-sħab, u nniedu inizjattivi ġodda u innovattivi fil-livell tal-Unjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex nattiraw ħaddiema li huma mħarrġa u mħejjija għas-suq tax-xogħol tagħna.

Fl-istess ħin, waqt li niġbdu lejna x-xogħol u t-talent, jeħtieġ li dan jiġi kkomplementat mill-ħila li **nżommuhom għandna**. Biex tikseb dan, l-Unjoni teħtieġ ambjent soċjoekonomiku li jista' jiffaċilita mhux biss l-integrazzjoni tal-ħaddiema barranin fis-suq tax-xogħol, iżda li jista' jippermettilhom jintegraw u jikkontribwixxu għas-soċjetajiet tagħna.

Il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u tat-talenti bħala għodda tad-diplomazija dwar il-migrazzjoni

L-attrazzjoni u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u tat-talent, kif ukoll il-perkorsi edukattivi, vokazzjonali u ta' taħriġ, jeħtieġ li jsiru element strateġiku tar-relazzjonijiet komprensivi tagħna mal-pajjiżi sħab. It-twessigħ tal-ambitu tas-**Sħubijiet ta' Talent** eżistenti mal-Marokk, it-Tuneżija, l-Eġittu, il-Pakistan u l-Bangladesh, u t-tnedija ta' oħrajn ġodda, huma biss l-ewwel pass.

Lil hinn mis-**Sħubijiet ta' Talent**, l-UE jeħtiġilha tiġbor flimkien il-prijoritajiet tal-kompetittività fil-kuntest tal-**kooperazzjoni komprensiva tagħna mal-pajjiżi sħab**, filwaqt li ssegwi l-perkors stabbilit mill-Patt għall-Mediterran. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se tmexxi, mill-2026, Uffiċċju Ewropew ta' Access Legali fl-Indja fis-settur tat-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u l-Komunikazzjoni. Dan se jkun punt uniku ta' servizz li se jipprovdi appoġġ lill-kandidati mill-Indja fil-mobbiltà tal-forza tax-xogħol lejn l-UE. Abbażi tat-tagħlimiet meħuda minn dan il-proġett pilota, il-Kummissjoni qed tippjana li tespandi l-kunċett tal-Uffiċċju Ewropew ta' Access Legali għal setturi oħra u pajjiżi sħab oħra, inklużi l-pajjiżi tas-**Sħubija ta' Talent**, f'komplementarjetà mar-Riżerva ta' Talent tal-UE, u filwaqt li tqis l-interessi strateġiċi tal-UE. Jenħtieġ li tiġi promossa wkoll aktar kooperazzjoni dwar il-mobbiltà tat-talenti fil-kuntest tal-istrateġija Global Gateway.

⁽⁵²⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "L-Unjoni tal-Ħiliet; [EUR-Lex - 52025DC0090 - MT - EUR-Lex](#).

⁽⁵³⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni, [EUR-Lex - 52023DC0577 - MT - EUR-Lex](#).

L-Unjoni u l-pajjiżi sħab għandhom interess komuni fil-promozzjoni tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol. Madankollu, it-tħejjija ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi biex jidħlu fis-suq tax-xogħol Ewropew u l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetajiet tagħna hija sforz kumpless li jeħtieġ investimenti u sforzi miż-żewġ naħat. Biex tagħti spinta lill-gruppi ta' nies ta' ħila li jistgħu jiġu biex jaħdmu u jgħixu fl-Unjoni, u filwaqt li tħares lejn il-mudelli ta' kondiviżjoni tal-kostijiet u tar-riskju mas-settur privat, il-Kummissjoni se tappoġġa **t-taħriġ u l-attivitajiet ta' qabel it-tluq** għal dawk li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi, filwaqt li tiżgura li jkollhom il-ħiliet tekniċi, professjonali, lingwistiċi u kulturali xierqa meħtieġa, inkluż bħala parti mill-Istrateġija Ewropea li jmiss għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

Il-Kummissjoni se tinvolvi wkoll lill-**industrija u lis-sħab soċjali tal-UE** aktar mill-qrib fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' inizjattivi lejn pajjiżi terzi, peress li dawn jafu l-aħjar il-ħiliet li jeħtieġu u huma l-benefiċjarji ewlenin tal-politiki dwar il-mobbiltà tat-talenti. Il-Kummissjoni beħsiebha tuża fora eżistenti bħall-Pjattaforma tal-Migrazzjoni tal-Ħaddiema, il-Kumitati ta' Djalogu Soċjali Settorjali, u l-Forum Industrijali u l-Forum taż-Żona Ewropea tar-Riċerka biex tagħti spinta lill-involviment tal-industrija u tal-impjegaturi fl-attrazzjoni tat-talent.

Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE⁽⁵⁴⁾, l-ewwel għodda fil-livell tal-UE li tippermetti t-tqabbil bejn l-impjegaturi tal-UE u l-persuni interessati li qed ifittxu impjieg mhux tal-UE f'setturi speċifiċi, se tkun kruċjali biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet, kif ukoll biex tittejjeb il-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab fit-tul. Il-Kummissjoni qed tagħti prijorità lill-iżvilupp tal-pjattaforma tal-IT biex sal-2027 ir-Riżerva ta' Talent tkun fis-seħħ u tkun qed topera. Biex tilħaq il-potenzjal tagħha, l-involviment bikri u l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri se jkun essenzjali.

Qafas legali adattat għall-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u tat-talenti

L-inizjattiva “Agħżel l-Ewropa”⁽⁵⁵⁾ tippromwovi lill-UE bħala destinazzjoni għal professjonisti b'livell għoli ta' ħiliet. Dan jenfasizza kif l-UE toffri ambjent ideali għat-talent globali biex tavvanza r-riċerka u l-innovazzjoni.

Fl-istess ħin, **il-qafas legali għall-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u tat-talenti** lejn l-UE għadu frammentat, b'interazzjoni kumplessa bejn l-oqfsa legali tal-UE u dawk nazzjonali⁽⁵⁶⁾, u huwa diffiċli għan-nies ta' talent minn madwar id-dinja li jifhmuh u jużawh.

Dan ma jikkorrispondix għall-ambizzjoni tal-UE. **Is-simplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni** tal-proċessi biex jiġu attirati ċittadini ta' pajjiżi terzi b'potenzjal qawwi ta' innovazzjoni, bħall-riċerkaturi, studenti, ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet, fundaturi ta' negozji ġodda jew intraprendituri innovattivi, kif ukoll ħaddiema meħtieġa għal okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema f'setturi bħall-kura, il-kura tas-saħħa jew il-kostruzzjoni se jkollhom jiġu esplorati. L-Istrateġija dwar il-Viżi⁽⁵⁷⁾, adottata flimkien ma' din l-Istrateġija, identifikat modi ġodda biex il-qafas eżistenti dwar l-attrazzjoni tat-talent jaħdem aħjar, inkluż

⁽⁵⁴⁾ Agħżel l-Ewropa: avvanza l-karriera tiegħek fir-riċerka fl-UE https://commission.europa.eu/topics/research-and-innovation/choose-europe_en?prefLang=mt

⁽⁵⁶⁾ Ir-regoli tal-UE jkopru l-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza għal ċerti kategoriji ta' ħaddiema (ħaddiema bi kwalifiki għoljin, ħaddiema staġjonali, u ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali), studenti u riċerkaturi, id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja, u “residenza fit-tul”. Il-liġi tal-UE tistabbilixxi wkoll proċedura unika – u permess uniku – għall-ħaddiema mhux tal-UE ammessi taħt l-iskemi nazzjonali tal-Istati Membri. Bħalissa, ir-regoli tal-UE ma jkoprux kategoriji oħra ta' migranti tax-xogħol, u lanqas dawk li jaħdmu għal rashom.

⁽⁵⁷⁾ COM(2026) 43.

permezz ta' finanzjament u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-attrazzjoni tat-talent għall-innovazzjoni⁽⁵⁸⁾, u teżamina l-possibiltajiet għal simplifikazzjoni u implimentazzjoni aħjar tal-qafas legali.

Barra minn hekk, wieħed mill-ostakli ewlenin biex jiġi attirat it-talent huwa dak marbut mar-**rikonoxximent u l-validazzjoni tal-kwalifiki u l-ħiliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi**. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2023 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi⁽⁵⁹⁾ kellha l-għan li tiffaċilita l-proċessi ta' rikonoxximent nazzjonali. Fil-prattika, madankollu, dawn il-proċessi għadhom spiss twal u ta' piż u frammentati madwar l-UE u għalhekk mhumiex kompatibbli ma' ambjent ekonomiku dinamiku u mal-ħtieġa li jimtlew malajr in-nuqqas ta' ħaddiema li qed jiffaċċjaw in-negozji Ewropej. Biex tindirizza dan l-ostaklu, bħala parti mill-Pakkett dwar il-Mobbiltà Ġusta tal-Ħaddiema tal-2026, il-Kummissjoni se tnedi inizjattiva dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet, li se tinkludi regoli ġodda possibbli dwar ir-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-kwalifiki u l-ħiliet, u b'hekk il-proċeduri jsiru aktar rapidi, filwaqt li jinżammu l-istandards tal-kwalità mistennija fis-suq Ewropew.

Biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-**informazzjoni dwar il-ħiliet**, minbarra informazzjoni preċiża u f'waqtha dwar il-ħiliet u s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol fl-UE u fl-Istati Membri tagħha, u abbażi tal-esperjenza tal-Osservatorju Ewropew tal-Infommazzjoni dwar il-Ħiliet, hija meħtieġa informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol fil-pajjiżi sħab, inkluż dwar l-oqfsa tal-ħiliet u tal-kwalifiki tagħhom, biex ikun jista' jsir tqabbil mal-ħiliet u l-kwalifiki tal-UE. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni qed tippjana li tkompli tapprofondixxi l-kooperazzjoni tagħha mal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (European Training Foundation, ETF) dwar l-immappjar u t-tqabbil tal-ħiliet u l-kwalifiki fil-pajjiżi tas-Sħubijiet ta' Talent u lil hinn minnhom.

Il-ġlieda kontra l-impjeg illegali, l-abbuż u l-isfruttament

Filwaqt li l-Ewropa jeħtieġ li tattira t-talent, jeħtieġ ukoll li tintensifika l-ġlieda tagħha kontra l-impjeg illegali u l-abbuż minn ħaddiema ta' pajjiżi terzi fl-UE. L-impjeg illegali u x-xogħol mhux awtorizzat, spiss assoċjati wkoll mal-isfruttament tal-ħaddiema, huma fost **il-fatturi ewlenin tal-migrazzjoni illegali** u jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv, b'mod partikolari fis-setturi aktar esposti għal dawk ir-riskji. Il-ftuħ tal-Unjoni biex tattira u żżomm it-talent għandu jimxi id f'id ma' tolleranza żero għall-impjegji illegali u l-isfruttament tal-ħaddiema migranti.

Fl-2026, il-Kummissjoni se tippreżenta l-istat ta' implimentazzjoni tad-**Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra Min Iħaddem**⁽⁶⁰⁾ u, jekk ikun meħtieġ, tippromponi emendi biex iżżid l-effettività tagħha.

Kif enfasizzat fil-Pjan Direzzjonali għal Impjegji ta' Kwalità⁽⁶¹⁾, l-isfruttament, il-ksur tar-regoli dwar is-sikurezza u s-saħħa u l-akkomodazzjoni inadegwata jaffettwaw lill-ħaddiema ta' pajjiżi terzi. Il-kontrolli u l-ispezzjonijiet jeħtieġ li jiġu intensifikati biex jiġu

⁽⁵⁸⁾ C(2026) 462.

⁽⁵⁹⁾ Ir-Rakkomandazzjonin tal-Kummissjoni (UE) 2023/2611 tal-15 ta' Novembru 2023 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi, C/2023/7700, ĠU L, 2023/2611, 24.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2023/2611/oj>.

⁽⁶⁰⁾ Id-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali; <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2009/52/oj/eng?eliuri=eli%3Adir%3A2009%3A52%3Aoj&locale=mt>

⁽⁶¹⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Pjan Direzzjonali għall-Impjegji ta' Kwalità, COM/2025/944 final.

identifikati u ssanzjonati impjegaturi abbużivi u jiġu protetti d-drittijiet tal-ħaddiema ta' pajjiżi terzi. Bħala parti mir-**reviżjoni tal-mandat tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (European Labour Authority, ELA)** mistennija fl-2026, il-Kummissjoni se tikkunsidra kif l-Awtorità tista' tindirizza aħjar l-isfidi relatati mal-abbużi tal-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

B'mod parallel, **ħidma ta' infurzar** aħjar, anke bl-appoġġ ta' mandat imsaħħaħ tal-ELA, għandha tgħin biex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE biex jiġu protetti d-drittijiet tal-ħaddiema migranti, inklużi d-Direttiva dwar il-ħaddiema Staġjonali⁽⁶²⁾, id-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra Min Iħaddem⁽⁶³⁾ u d-Direttiva riveduta dwar il-Permess Uniku⁽⁶⁴⁾, jiġu trasposti b'mod korrett u applikati b'mod effettiv mill-Istati Membri.

It-tiġib tal-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi

L-integrazzjoni hija kemm dritt kif ukoll dmir. Huwa fl-interess tal-Unjoni li tara li l-migranti li jiġu fl-UE jkunu jistgħu jikkontribwixxu malajr u b'mod attiv għas-soċjetajiet tagħna – u issa tagħhom – kemm jekk ħarbu mill-kunflitt, waslu bħala ħaddiema, ingħaqdu mal-familja qrib tagħhom jew waslu permezz ta' perkorsi legali oħra. Konsegwentement, l-integrazzjoni hija qasam fejn **approċċ ta' gvern sħiħ** huwa importanti ħafna fil-livell nazzjonali. Dan huwa vitali għall-koeżjoni soċjali, iżda wkoll għall-kompetittività, u d-dinamiżmu ekonomiku tal-Ewropa, filwaqt li jsir użu sħiħ mill-ħiliet u t-talenti kollha. Huwa essenzjali li l-migranti jitgħallmu l-lingwa tal-Istat Membru ospitanti, jifhmu l-kultura u s-sistemi amministrattivi, jaħdmu, iħallsu t-taxxi, u jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetajiet tagħna bbażati fuq il-valuri Ewropej. Il-komunitajiet tad-dijaspora u l-organizzazzjonijiet immexxija mill-migranti huma atturi importanti fl-appoġġ tal-proċess ta' integrazzjoni, li jeħtieġ impenn qawwi u dispost min-naħa tal-migranti, kif ukoll min-naħa tas-soċjetajiet ospitanti. F'dak ir-rigward, il-migranti jeħtieġ li jingħataw opportunità ġenwina biex jintegraw. Filwaqt li tibni fuq l-approċċ komprensiv u transsettorjali stabbilit fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni u fuq ir-rieżami ta' nofs it-terminu tiegħu⁽⁶⁵⁾, l-integrazzjoni għandha tiġi promossa fil-livelli kollha ta' governanza u tas-soċjetà.

Il-Kummissjoni se tkompli trawwem **approċċ olistiku biex tgħaqqad l-isforzi fil-politiki kollha tal-UE**, b'mod partikolari dwar l-iżvilupp reġjonali, pereżempju mal-Aġenda tal-UE għall-Bliet⁽⁶⁶⁾, is-Sħubija tal-Aġenda Urbana dwar l-Inklużjoni tal-Migranti u r-

⁽⁶²⁾ Id-Direttiva 2014/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar il-kundizzjonijiet għad-dħul u s-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjeg bħala ħaddiema staġjonali.

⁽⁶³⁾ Id-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'reżidenza illegali, ĠU L 168, 30.6.2009, pp. 24–32.

⁽⁶⁴⁾ Id-Direttiva (UE) 2024/1233 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru (riformulazzjoni), PE/93/2023/REV/1, ĠU L, 2024/1233, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1233/oj>

⁽⁶⁵⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027 <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020DC0758> u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Rieżami ta' nofs it-terminu tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021-2027, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52025SSC0162>.

⁽⁶⁶⁾ https://ec.europa.eu/regional_policy/information-sources/publications/communications/2025/eu-agenda-for-cities-2025_mt

Refuġjati⁽⁶⁷⁾ u l-aġġornament li jmiss tal-Pjan ta' Azzjoni Rurali⁽⁶⁸⁾. Fir-rigward tal-impjiegi u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkomplu jgħinu biex jixprunaw it-tkabbir fl-UE. Il-potenzjal sħiħ tagħhom fis-suq tax-xogħol tal-UE għadu mhux sfruttat. Għaldaqstant, huwa kruċjali li jkomplu jiġu involuti s-servizzi tal-impjiegi, is-sħab ekonomiċi u soċjali, u atturi oħra tas-suq tax-xogħol. Biex isir dan, id-djalogu u l-kooperazzjoni kontinwi magħhom se jirfdu kwalunkwe sforz sostantiv biex il-politiki dwar il-migrazzjoni u s-suq tax-xogħol jiġu allinjati aktar mill-qrib u biex tissaħħa l-inklużjoni tal-migranti fis-suq tax-xogħol.

Din l-integrazzjoni ta' azzjonijiet li jappoġġaw l-integrazzjoni u l-inklużjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jenħteġ li tkompli tiġi inkorporata f'approċċ usa' u aktar fit-tul, wieħed li jikkontribwixxi wkoll għall-ġestjoni adegwata tas-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni, tas-saħħa u tal-akkomodazzjoni, bl-appoġġ. **Il-finanzjament tal-Unjoni** jenħteġ li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-approċċ ta' gvern sħiħ fl-Istati Membri fir-rigward tal-integrazzjoni, filwaqt li joffri opportunitajiet ta' finanzjament lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-organizzazzjonijiet immexxija mill-migranti. B'mod ġenerali, dan l-approċċ fuq perjodu aktar fit-tul dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jibni fuq skambji li jseħħu fid-diversi networks relatati mal-integrazzjoni⁽⁶⁹⁾ u l-ħidma tkompli fil-kuntest ta' strateġiji rilevanti⁽⁷⁰⁾.

7. L-UŻU STRATEĠIKU TAR-RIŻORSI FINANZJARJI U T-TISĦIĦ TAL-APPOĠĠ OPERAZZJONALI

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-**Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028–2034** tipprevedi żieda importanti fir-riżorsi ddedikati għall-migrazzjoni u l-ażil u għall-kooperazzjoni internazzjonali, filwaqt li ssaħħa l-opportunità ta' inġranagġ tal-Unjoni fir-rigward tal-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni.

Il-proposta tal-QFP għandha l-għan li ttipprovdi **r-riżorsi finanzjarji meħtieġa** wkoll biex tappoġġa l-prijoritajiet stabbiliti f'din l-Istrateġija. B'mod ġenerali, huwa propost li jiġi ddedikat ammont ta' mill-inqas EUR 81 biljun għall-politiki tal-Affarjiet Interni, biex tiġi appoġġata l-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-ażil, tissaħħa is-sigurtà interna, jissaħħu l-fruntieri u l-politika dwar il-viżi.

Biex jiġu **kkontrollati u ġestiti b'mod effettiv il-fruntieri esterni** u biex tiġi ggarantita s-sigurtà, il-proposta għall-appoġġ mill-Unjoni għaż-żona Schengen, għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika komuni dwar il-viżi tistabbilixxi l-pakkett finanzjarju għal EUR 15,4 biljun. L-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (Border Management and Visa Policy Instrument, BMVI) għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 bħalissa qed jipprovdi total ta' EUR 5,97 biljun biex jappoġġa l-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri fl-Istati Membri⁽⁷¹⁾. Iż-żieda sinifikanti fir-riżorsi tagħmilha possibbli li jiġu appoġġati l-prijoritajiet stabbiliti f'din l-Istrateġija, inklużi d-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-fruntieri, l-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda, kif ukoll it-tagħmir u l-infrastruttura.

⁽⁶⁷⁾ <https://www.urbanagenda.urban-initiative.eu/>

⁽⁶⁸⁾ https://rural-vision.europa.eu/action-plan_mt

⁽⁶⁹⁾ In-Network Ewropew għall-Integrazzjoni, il-Grupp ta' Esperti dwar il-fehmiet tal-migranti fil-qasam tal-migrazzjoni, l-ażil u l-integrazzjoni, il-Forum Ewropew dwar il-Migrazzjoni.

⁽⁷⁰⁾ L-istrateġija dwar l-ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 u dik dwar l-LGBTIQ+ 2026-2030 u l-istrateġija kontra r-razziżmu 2026-2030.

⁽⁷¹⁾ Dan l-ammont jinkludi allokazzjonijiet lill-Istati Membri kif miġfthem inizzjalment, trasferimenti mill-Istati Membri minn Fondi oħra u żidiet mill-Faċilità Tematika tal-BMVI lill-Istati Membri.

Fir-rigward tal-appoġġ tal-Unjoni għall-**ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni**, il-Kummissjoni pproponiet ammont ta' madwar EUR 12-il biljun, meta mqabbel mal-madwar EUR 7,84 biljun attwalment disponibbli għall-Istati Membri għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027⁽⁷²⁾ għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, u kważi EUR 3 biljun għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-integrazzjoni ta' komunitajiet emarġinati, inklużi persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Dan il-baġit għandu l-għan li jrawwem is-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà fost l-Istati Membri, u jappoġġa, b'mod partikolari, l-ipproċessar aktar mgħaġġel tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali inkluż fil-fruntieri esterni, ritorni aktar effettivi, kif ukoll l-attrazzjoni tat-talent u l-integrazzjoni bikrija ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Bħala parti mill-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew se jikkontribwixxi biex jappoġġa l-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni soċjoekonomika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Għall-QFP li jmiss, l-appoġġ għall-Istati Membri se jiġi implimentat permezz ta' **approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni** skont il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali. Meta jfasslu l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-finanzjament jindirizza l-isfidi ta' politika identifikati, inkluż fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, ir-ritorn u l-mobbiltà tal-ħaddiema.

Barra minn hekk, il-proposta tal-QFP għall-2028-2034 iżżid il-koerenza, il-konsistenza u l-komplementarjetà bejn id-dimensjonijiet tal-politika interna u esterna. Il-proposta għal **Regolament dwar l-Ewropa Globali**⁽⁷³⁾, b'pakkett propost ta' EUR 200 biljun, tfasslet biex taqbel ma' approċċ aktar strateġiku, xprunat mill-valuri u li jħalli impatt fuq it-tkabbir u s-sħubijiet internazzjonali, f'allinjament mal-interessi strateġiċi tal-UE, inklużi l-oġettivi tal-migrazzjoni tagħha. Dan l-approċċ aktar strateġiku għall-użu tal-fondi għandu jiġi rifless ukoll fil-modalitajiet ta' programmazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' dan l-istrument sabiex jissaħħu l-koerenza u l-effettività. Barra minn hekk, il-proposta tal-Kummissjoni ssaħħa l-approċċ strateġiku għall-ġhodi ta' finanzjament biex tinentiva kooperazzjoni msaħħa dwar il-migrazzjoni u r-riammissjoni.

L-aġenziji rilevanti tal-UE, b'mod partikolari l-Frontex, l-EUAA, l-eu-LISA, l-Europol, l-Eurojust, u l-FRA, jipprovdu assistenza lill-Istati Membri. Tali assistenza tinkludi appoġġ operazzjonali u ġudizzjarju, gwida, taħriġ jew ġestjoni operazzjonali ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira. Din il-linja ta' ħidma hija kkomplementata minn appoġġ operazzjonali dirett lill-Istati Membri biex ikomplu jiżviluppaw u jsaħħu l-kapaċitajiet nazzjonali tagħhom. Filwaqt li l-Aġenziji diġà qed jipprovdu appoġġ kruċjali lill-Istati Membri fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-ħames snin li ġejjin se jipprovdu opportunità biex jissaħħu l-għodod għad-dispożizzjoni tal-Aġenziji u l-appoġġ li jipprovdu lill-Istati Membri meta jintalbu, b'mod partikolari fid-dawl tal-operazzjonalizzazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

Fir-rigward tal-**Frontex**, il-Kummissjoni qed tippjana li fl-2026, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt u wara konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra, tippreżenta reviżjoni tar-regolament fundatur tagħha. Fit-tnejn tal-proposta, il-Kummissjoni se tesplora kif l-aħjar tikkomplementa r-riżorsi tal-Istati Membri mhux biss f'termini ta' kwantità, iżda wkoll ta' kwalità tal-kompiti, u b'hekk tikkontribwixxi għal fruntieri komuni aktar b'saħħithom f'konformità ma' approċċ ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri. Il-proposta tista' ssaħħa ukoll ir-regoli relatati mal-kompiti, l-iskjeramenti, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-istruttura u l-governanza tal-Aġenzija.

⁽⁷²⁾ Dan l-ammont jinkludi allokazzjonijiet lill-Istati Membri kif miftiehem inizjalment, trasferimenti mill-Istati Membri minn Fondi oħra u żidiet mill-Faċilità Tematika tal-BMVI lill-Istati Membri.

⁽⁷³⁾ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Ewropa Globali; [EUR-Lex - 52025PC0551 - MT - EUR-Lex](#).

L-EUAA se tkompli taqdi rwol importanti fl-appoġġ lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Patt, inkluż permezz tat-trawwim tal-konverġenza tal-prattiki tal-ażil, u l-ġhotti ta' appoġġ operazzjonali u tekniku. L-operazzjonalizzazzjoni tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ matul l-2026 se tkun ukoll pass importanti 'l quddiem biex tiġi appoġġgata l-applikazzjoni operazzjonali u teknika tar-regoli dwar l-ażil mill-Istati Membri. Sabiex jiġi żgurati li l-Aġenzija tkun mgħammra tajjeb biex twettaq il-kompiti tagħha, wara l-evalwazzjoni tal-mandat tal-EUAA, il-Kummissjoni se tikkunsidra jekk hemmx il-ħtieġa li temenda r-regolament fundatur tal-Aġenzija, inkluż b'appoġġ ta' politiki esterni.

Biex twettaq din it-trasformazzjoni diġitali, **l-eu-LISA**, l-Aġenzija tal-UE għall-ġestjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira, se tibqa' ċentrali. Il-proposta tal-QFP tipprevedi żieda sinifikanti fir-riżorsi tagħha biex l-Aġenzija tingħata l-mezzi meħtieġa biex tiżviluppa u tħaddem il-komponenti kollha tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira taħt il-mandat tagħha.

Ir-reviżjoni tal-mandat tal-**Europol** fl-2026, abbażi ta' evalwazzjoni u valutazzjoni tal-impatt kif ukoll ta' konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, se tikkunsidra wkoll kif tista' tissaħħaħ il-kapaċitajiet ta' appoġġ operazzjonali, analitiku u teknoloġiku tal-Aġenzija biex tippermetti kooperazzjoni operazzjonali effettiva kemm internament kif ukoll ma' pajjiżi sħab. Bl-adozzjoni tar-Regolament emendat tal-Europol li jstabilixxi ċ-Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, l-Europol se jkollha rwol saħansitra aktar b'saħħtu fl-identifikazzjoni u t-tfixkil tan-networks kriminali wara l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti.

Il-Eurojust qed tibni l-kapaċità tagħha li tikkooopera ma' ġurisdizzjonijiet madwar id-dinja biex tiġġieled aħjar il-gruppi tal-kriminalità organizzata involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u reati oħra. Il-ftehimiet dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ffirmati fl-2025 kemm mal-Libanu kif ukoll mal-Eġittu kienu ta' eżempju tajjeb li għandu jiġi kkuppjat ma' pajjiżi sħab oħra.

Barra minn hekk, biex isir l-aħjar użu mill-approċċ komprensiv għad-diplomazija dwar il-migrazzjoni, **l-appoġġ operazzjonali li l-Aġenziji tal-UE** jistgħu joffru lill-pajjiżi sħab, f'konformità mal-mandati attwali jew futuri tagħhom, għandu jintuża b'mod aktar strateġiku. Biex joffru pakkett komprensiv ta' appoġġ lill-pajjiżi sħab, u jiżguraw impenn koeżiv tal-Unjoni, l-Aġenziji tal-UE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, jenħteġ li jikkoordinaw aħjar il-programmi ta' sensibilizzazzjoni tagħhom mal-pajjiżi sħab kif ukoll il-ftehimiet u l-arranġamenti ta' ħidma relatati. Il-promozzjoni u t-tiżiħ tal-kooperazzjoni operazzjonali tal-Aġenziji tal-UE mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiġu inkorporati fl-azzjonijiet operazzjonali u fl-impenji taħt id-diplomazija tal-UE dwar il-migrazzjoni.

8. KONKLUŻJONI

Din l-ewwel Strateġija Ewropea dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni tafferma mill-ġdid id-determinazzjoni tal-Unjoni li tibni u tistabilixxi qafas ta' migrazzjoni li jkun effettiv, ibbażat fuq id-drittijiet, ġust u adattabbli, u li jissodisfa l-aspettattivi taċ-ċittadini ta' politika ġestita tajjeb u li tibqa' valida fil-futur. Tippromwovi Unjoni Ewropea reżiljenti u assertiva fix-xena dinjija u jibqa' adattabbli għall-iżviluppi li jseħħu fil-kontinent tagħna u lil hinn minnu. Isservi bħala boxxla għall-azzjoni tal-UE, b'objettivi ċari u prijorità ta' azzjoni, filwaqt li tagħmel użu strateġiku mir-riżorsi disponibbli u l-appoġġ operazzjonali.

Peress li l-politika dwar il-migrazzjoni u l-ażil li hija ġusta u soda u li taqbel mal-valuri Ewropej, hija responsabbiltà kondiviża, it-twettiq ta' din l-Istrateġija se jirrikjedi impenn politiku u kooperazzjoni mill-qrib fost il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, l-Istati Membri, l-Aġenziji tal-UE, is-sħab internazzjonali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Il-

Kummissjoni sserraħ fuq l-appoġġ tal-atturi kollha biex imexxu 'l quddiem l-oġġettivi ta' din l-Istrateġija, jaħdmu flimkien biex jipprevjenu l-migrazzjoni illegali u t-telf ta' ħajjiet fuq vjaġġi perikolużi, jipproteġu lin-nies li qed jaħarbu mill-gwerra u l-persekuzzjoni, u jħeġġu lit-talent jiġi fl-UE biex jagħti spinta lill-kompetittività tal-ekonomiji tagħna.